IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **1a** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Tsunami

Malta ma tantx sofriet terremoti li għamlu ħsara u qatlu n-nies. L-iktar terremot qawwi msemmi seħħ madwar tliet mitt sena ilu meta ġġarraf il-katidral tal-Imdina.

Iktar minn mitejn sena wara, fit-28 ta' Diċembru tal-1908, waqt li n-nies kienet dieħla l-Belt u nieżla x-xatt għax-xogħol, u l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu mimlija laneċ u dgħajjes, ħabta u sabta qam il-baħar. Il-mewġ beda jikber u jogħla. Il-baħar imtela f'daqqa. Baħar bħal dak ma kienx tas-soltu. Mill-ewwel kulħadd induna li ġrat xi ħaġa serja.

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Ir-Ramla, kif nafuha aħna l-Għawdxin, hija waħda mill-isbaħ bajjiet tagħna. Insejħulha r-Ramla għax m'għandniex ramla oħra li nistgħu nitfixkluha magħha. Għalkemm ir-Ramla ma tagħmilx man-Nadur, ilha s-snin il-kbar marbuta mar-raħal tagħna. Mijiet ta' Nadurin imorru hemm biex jgħumu u jistrieħu fis-sajf. Ir-Ramla saret imfittxija wkoll mix-Xagħrin u l-Maltin mindu x-Xlendi u Marsalforn ġarrbu qerda ambjentali u żvilupp żejjed. Xi kultant iżuruha l-istudenti tal-Arkeoloġija għax midfuna fit-tarf tagħha nsibu Villa Rumana miksija bi rħam u mużajk mill-aqwa għal dawk iż-żminijiet. Din il-Villa għadna ma nafux meta ser jikxfuha darba għal dejjem. Kien skavaha l-ewwel darba Temi Zammit bejn l-1910 u l-1911 imma reġgħu radmuha.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. L-awtur huwa:**

**(a) Malti, jew**
**(b) Għawdxi, jew**
**(ċ) turist.**

**2. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) ir-Ramla, jew**
**(b) il-baħar, jew**
**(ċ) Temi Zammit.**

**3. Il-Villa Rumana li tinsab ir-Ramla:**

**(a) hi miftuħa għall-pubbliku sajf u xitwa, jew**
**(b) hi miftuħa għall-pubbliku fis-sajf biss, jew**
**(ċ) għadha mirduma.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Ir-Ramla saret imfittxija wkoll mix-Xagħrin u l-Maltin mindu x-Xlendi u Marsalforn ġarrbu qerda ambjentali u żvilupp żejjed." Il-kelma qerda qed tirreferi:**

**(a) għal biki, jew**
**(b) għal taħsir, jew**
**(ċ) għal nixfa.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Din il-Villa għadna ma nafux meta ser jikxfuha darba għal dejjem." F'din is-sentenza, l-espressjoni darba għal dejjem tfisser:**

**(a) għal ftit okkażjonijiet, jew**
**(b) għal okkażjoni waħda, jew**
**(ċ) il-jiem kollha.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* ix-xiri ***jew*** il-kura tas-saħħa.

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ix-xiri.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-iktar ħanut għal qalbek li għandek fir-raħal tiegħek. Għaliex għażilt dan il-ħanut?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb tixtri. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tixtri l-ħwejjeġ, tippreferi tmur tixtri mir-raħal tiegħek stess jew minn xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ħafna mill-affarijiet li nixtru fir-realtà m'għandniex x'nambuhom. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku tirbaħ kemxa flus, x'inhi l-ewwel ħaġa li tixtri? Għaliex?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-kura tas-saħħa.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq xi ħadd li jħobb jieħu ħsieb saħħtu. Għaliex għażilt lilu (lilha)?**
2. **Semmili l-aktar platt għal qalbek. Għaliex?**
3. **Liema sport tippreferi tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mhux kemm tiekol jgħodd, imma x'tiekol. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek issir tabib(a), x'parir tagħtihom lit-tfal tal-iskola kif jieħdu ħsieb saħħithom? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti safi ***jew*** Ġużè Muscat Azzopardi.

**Il-Malti safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti safi.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li nistgħu nikkomunikaw bil-Malti sewwa jekk inħallu barra l-kliem kollu li ġej mill-Ingliż? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti għalliem(a) u l-istudenti tiegħek qed iħalltu l-Malti u l-Ingliż fid-diskors tagħhom. Xi tkun ir-reazzjoni tiegħek? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Muscat Azzopardi**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Muscat Azzopardi.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. ***F'liema żmien għex?*** *(sekli 19 u 20 jew 1853-1927)*
b. ***Għalxiex inhu magħruf l-aktar?*** *(ir-rumanzi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Muscat Azzopardi għen biex il-letteratura tkomplu tikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **1a** |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Tsunami**

Malta ma tantx sofriet terremoti li għamlu ħsara u qatlu n-nies. L-iktar terremot qawwi msemmi seħħ madwar tliet mitt sena ilu meta ġġarraf il-katidral tal-Imdina.

Iktar minn mitejn sena wara, fit-28 ta' Diċembru tal-1908, waqt li n-nies kienet dieħla l-Belt u nieżla x-xatt għax-xogħol, u l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu mimlija laneċ u dgħajjes, ħabta u sabta qam il-baħar. Il-mewġ beda jikber u jogħla. Il-baħar imtela f'daqqa. Baħar bħal dak ma kienx tas-soltu. Mill-ewwel kulħadd induna li ġrat xi ħaġa serja.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Ix-xiri** *JEW* **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti safi** *JEW* **Ġużè Muscat Azzopardi**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **1b** |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

It-Teatru Manoel

Fl-1861 il-popolazzjoni tal-Belt bejn Maltin u barranin kienet laħqet il-ħamsa u għoxrin elf ruħ. Bil-mexxejja politiċi u reliġjużi kkonċentrati fil-belt il-ġdida, ma setax jonqos li din saret il-pern tal-kummerċ. Il-belt il-ġdida żviluppat ukoll bħala ċentru artistiku meta pitturi u skulturi magħrufin ta' żmienhom marru jgħixu fiha. Il-fqar u l-ħaddiema ma kellhomx mezzi biex ifittxu attivitajiet kulturali. Min-naħa l-oħra, il-klassijiet l-għolja u s-sinjuri kienu jfittxu postijiet ta' mogħdija ta' żmien. Kien għalhekk li t-Teatru Manoel żdiditlu l-importanza, u kien imfittex ħafna.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**M'għandniex għalfejn noqogħdu nduru mal-lewża. Iċ-ċikkulata tinżillek għasel f'kull ħin tal-ġurnata. L-aktar fil-jiem kesħin tax-xitwa meta dik il-kesħa fina tqabbdek l-aptit ta' xi ħaġa sħuna u ħelwa. Tkunx ċikkulata kannella, jew inkella bajda, taħt is-sura ta' xi xarba jew inkella biċċa sħiħa, iċ-ċikkulata toffrilek togħma tajba u ħafna enerġija, enerġija utli mhux biss għall-moħħ imma anki għall-ġisem. U dan bis-saħħa tal-vitamini tagħha li jagħmlu ċ-ċikkulata alimentazzjoni sustanzjuża u unika. Din mhix xi skoperta tal-lum! Ilhom minn żmien żemżem il-popli tal-qedem jafu bit-tjubija, f'kull sens, taċ-ċikkulata. Kollox sew li nikluha, sakemm dan nagħmluh bil-qies.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) l-aptit, jew**
**(b) iċ-ċikkulata, jew**
**(ċ) is-saħħa.**

**2. Fis-silta li għadek kemm smajt, iċ-ċikkulata tagħtik l-enerġija:**

**(a) jekk tkun kannella biss, jew**
**(b) jekk tkun bajda biss, jew**
**(ċ) sew jekk tkun kannella u sew jekk tkun bajda.**

**3. Skont is-silta, iċ-ċikkulata tajjeb nikluha:**

**(a) wara l-ikel, jew**
**(b) billejl, jew**
**(ċ) bil-qies.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Tkunx ċikkulata kannella, jew inkella bajda, taħt is-sura ta' xi xarba jew inkella biċċa sħiħa, iċ-ċikkulata toffrilek togħma tajba..." Il-kelma sura qed tirreferi:**

**(a) għal xi għamla, jew**
**(b) għal sustanza, jew**
**(ċ) għal flixkun.**

**5. Fis-silta smajt li "Iċ-ċikkulata tinżillek għasel f'kull ħin tal-ġurnata." L-espressjoni tinżillek għasel tfisser li:**

**(a) iċ-ċikkulata hija magħmula mill-għasel, jew**
**(b) iċ-ċikkulata tieħu gost tikolha, jew**
**(ċ) iċ-ċikkulata għandha lewn l-għasel.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent naturali ***jew*** ix-xiri.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, x'postijiet hemm li huma fl-istat naturali tagħhom? Agħtini deskrizzjoni ta' wieħed minnhom.**
2. **Semmili l-aktar post naturali għal qalbek f'Malta jew f'Għawdex. Għaliex jogħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin imdawwar bin-natura, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta hawn ħafna bini u qed nirriskjaw li neqirdu l-kampanja tagħna. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun is-Sindku tar-raħal tiegħek, x'tagħmel biex ittejjeb l-ambjent tar-raħal? Għaliex?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ix-xiri.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-iktar ħanut għal qalbek li għandek fir-raħal tiegħek. Għaliex għażilt dan il-ħanut?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb tixtri. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tixtri l-ħwejjeġ, tippreferi tmur tixtri mir-raħal tiegħek stess jew minn xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ħafna mill-affarijiet li nixtru fir-realtà m'għandniex x'nambuhom. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku tirbaħ kemxa flus, x'inhi l-ewwel ħaġa li tixtri? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta ***jew*** Pietru Pawl Saydon.

**Il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li hawn Malta hawn Maltin li ma jifhmux sewwa l-lingwa tal-avviżi tat-tabelli li nsibu f'postijiet pubbliċi? Għaliex taħseb hekk?**
2. **Immaġina li inti l-kap ta' skola ġdida li se tinfetaħ Malta. Trid tieħu deċiżjoni fuq il-lingwa – jew il-lingwi – tat-tabelli kollha li se tagħmel fl-iskola. X'se tagħmel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Pietru Pawl Saydon**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Pietru Pawl Saydon.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1895-1971)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(it-traduzzjoni tal-Bibbja)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Pietru Pawl Saydon għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **1b** |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## It-Teatru Manoel

Fl-1861 il-popolazzjoni tal-Belt bejn Maltin u barranin kienet laħqet il-ħamsa u għoxrin elf ruħ. Bil-mexxejja politiċi u reliġjużi kkonċentrati fil-belt il-ġdida, ma setax jonqos li din saret il-pern tal-kummerċ. Il-belt il-ġdida żviluppat ukoll bħala ċentru artistiku meta pitturi u skulturi magħrufin ta' żmienhom marru jgħixu fiha. Il-fqar u l-ħaddiema ma kellhomx mezzi biex ifittxu attivitajiet kulturali. Min-naħa l-oħra, il-klassijiet l-għolja u s-sinjuri kienu jfittxu postijiet ta' mogħdija ta' żmien. Kien għalhekk li t-Teatru Manoel żdiditlu l-importanza, u kien imfittex ħafna.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali** *JEW* **Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta** *JEW* **Pietru Pawl Saydon**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **1ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Għar Dalam

Għar Dalam jinsab Birżebbuġa mal-ġenb ta' Wied Dalam. Is-sejbiet arkeoloġiċi li saru fih wasslu biex jiġu identifikati l-annimali differenti li għexu Malta tul il-perjodi suċċessivi taż-żminijiet tas-silġ. Barra provi importanti dwar l-evoluzzjoni ta' annimali li jinqabdu fuq gżira żgħira, hemm ukoll il-proċess ta' nanizmu meta l-annimali ċkienu billi adattaw lilhom infushom għar-riżorsi limitati li sabu. Dan l-għar fih ukoll traċċi tal-ewwel abitanti ta' Malta li waslu minn Sqallija madwar ħamest elef sena qabel Kristu. Għar Dalam infetaħ għall-pubbliku fl-1933.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Bil-liġi, fil-ħwienet irid ikun hemm prezz immarkat fuq kull oġġett għall-bejgħ b'mod ċar. Dan ifisser li għandna dritt inkunu nafu kemm jiswa l-oġġett mingħajr ma noqogħdu nistaqsu lil tal-ħanut, sabiex meta nidħlu biex nixtru xi ħaġa u naraw li l-prezz mhuwiex għall-but tagħna, ma jkollniex għalfejn inħossuna skomdi.**

**Meta ħanut ikollu vetrina b'xi prodotti li għandu għall-bejgħ, tal-ħanut għandu jimmarka l-prezzijiet fuq dawn l-oġġetti wkoll. Obbligu ieħor li għandu tal-ħanut huwa li jikteb il-prezz finali fuq l-oġġett, jiġifieri jkun jinkludi t-taxxi u l-ispejjeż. B'hekk aħna l-konsumaturi nkunu nafu eżattament kemm ser inħallsu.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) il-prezzijiet tal-oġġetti fil-ħwienet, jew**
**(b) it-taxxi, jew**
**(ċ) il-qligħ tal-bejjiegħa.**

**2. Skont is-silta, aħna għandna dritt inkunu nafu kemm jiswa l-oġġett:**

**(a) biex naqtgħu l-kurżità, jew**
**(b) biex ma nistaqsux lil tal-ħanut, jew**
**(ċ) biex nagħtu lil tal-ħanut flus eżatt.**

**3. Il-prezzijiet fuq kull oġġett għandhom ikunu:**

**(a) prezzijiet finali, jew**
**(b) prezzijiet baxxi, jew**
**(ċ) prezzijiet għoljin.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Obbligu ieħor li għandu tal-ħanut huwa li jikteb il-prezz finali fuq l-oġġett, jiġifieri jkun jinkludi t-taxxi u l-ispejjeż." Il-kelma obbligu tirreferi:**

**(a) għal dmir, jew**
**(b) għal dritt, jew**
**(ċ) għal privileġġ.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "sabiex meta nidħlu biex nixtru xi ħaġa u naraw li l-prezz mhuwiex għall-but tagħna, ma jkollniex għalfejn inħossuna skomdi." L-espressjoni mhuwiex għall-but tagħna tfisser:**

**(a) li l-prezz ikun baxx ħafna, jew**
**(b) li l-prezz ikun għoli għax-xerrej, jew**
**(ċ) li l-prezz ikun imraħħas.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent naturali ***jew*** il-kura tas-saħħa.

### L-ambjent naturali

*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, x'postijiet hemm li huma fl-istat naturali tagħhom? Agħtini deskrizzjoni ta' wieħed minnhom.**
2. **Semmili l-aktar post naturali għal qalbek f'Malta jew f'Għawdex. Għaliex jogħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin imdawwar bin-natura, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta hawn ħafna bini u qed nirriskjaw li neqirdu l-kampanja tagħna. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun is-Sindku tar-raħal tiegħek, x'tagħmel biex ittejjeb l-ambjent tar-raħal? Għaliex?**

JEW

### Il-kura tas-saħħa

*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-kura tas-saħħa.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq xi ħadd li jħobb jieħu ħsieb saħħtu. Għaliex għażilt lilu (lilha)?**
2. **Semmili l-aktar platt għal qalbek. Għaliex?**
3. **Liema sport tippreferi tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mhux kemm tiekol jgħodd, imma x'tiekol. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek issir tabib(a), x'parir tagħtihom lit-tfal tal-iskola kif jieħdu ħsieb saħħithom? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-qari bil-Malti ***jew*** Mikiel Anton Vassalli.

**Il-qari bil-Malti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-qari bil-Malti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li importanti taqra ħafna bil-Malti? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kap ta' skola primarja u tixtieq tħeġġeġ lill-istudenti biex jaqraw bil-Malti. X'tagħmel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Mikiel Anton Vassalli**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Mikiel Anton Vassalli.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 18 u 19 jew 1764-1829)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Mikiel Anton Vassalli għen biex l-ilsien Malti jkompli jikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

ĊES22/1ok1ċ.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **1ċ** |
| DATA: | 2 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Għar Dalam

Għar Dalam jinsab Birżebbuġa mal-ġenb ta' Wied Dalam. Is-sejbiet arkeoloġiċi li saru fih wasslu biex jiġu identifikati l-annimali differenti li għexu Malta tul il-perjodi suċċessivi taż-żminijiet tas-silġ. Barra provi importanti dwar l-evoluzzjoni ta' annimali li jinqabdu fuq gżira żgħira, hemm ukoll il-proċess ta' naniżmu meta l-annimali ċkienu billi adattaw lilhom infushom għar-riżorsi limitati li sabu. Dan l-għar fih ukoll traċċi tal-ewwel abitanti ta' Malta li waslu minn Sqallija madwar ħamest elef sena qabel Kristu. Għar Dalam infetaħ għall-pubbliku fl-1933.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali** *JEW* **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-qari bil-Malti** *JEW* **Mikiel Anton Vassalli**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2a** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea jmur lura għas-sena 1952. F'dik is-sena twaqqfet il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. L-iskop ta' din il-komunità kien li jintgħelbu t-tfixkil u l-ispejjeż żejda li kienu jeżistu fis-swieq tal-faħam u l-azzar fl-Ewropa. Bit-tneħħija tagħhom, l-industrija Ewropea ta' dawn il-prodotti saret aktar kompetittiva għax tnaqqsulha l-ispejjeż. Għalhekk il-pajjiżi Ewropej li kellhom dawn l-industriji setgħu jkabbru l-bejgħ tagħhom u jżidu l-qligħ. Dan kien l-ewwel tentattiv ta' kollaborazzjoni bejn pajjiżi Ewropej, pajjiżi li sa ftit snin qabel kienu għedewwa fil-gwerra.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Waħda mill-attrazzjonijiet turistiċi hija l-mużew ta' Għar Dalam f'Birżebbuġa li twaqqaf fis-snin tletin tas-seklu għoxrin b'numru ta' vetrini mimlijin fdalijiet ta' skeletri li nġabru mill-għar u tqassmu skont l-ispeċi u t-tip. Eżemplari sħaħ ta' xi annimali li ma nstabux fl-għar iżda li ġew esebiti bħala mezz ta' referenza – bħalma huma ċerva moderna u ljunfant – tqiegħdu ġol-vetrini f'nofs il-mużew. Għalkemm taqsim bħal dan jiswa lill-istudjużi, madankollu ma tantx jiġbed lill-pubbliku. Dan il-format inżamm biex jindika kif kienet issir ir-riċerka seklu ilu. Fl-2002 infetħet fergħa ġdida tal-mużew fejn l-esebiti qed jintwerew b'mod modern u b'sistema eħfef għall-viżitatur.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) l-annimali ta' Malta, jew**
**(b) <u>il-mużew ta' Għar Dalam</u>, jew**
**(ċ) l-istudju tal-iskeletri tal-annimali.**

**2. Il-vetrini tal-mużew ta' Għar Dalam huma mimlijin:**

**(a) <u>bil-fdalijiet tal-iskeletri</u>, jew**
**(b) b'ornamenti antiki, jew**
**(ċ) b'ġawhar prezzjuż.**

**3. Fil-vetrini f'nofs il-mużew tqiegħdu:**

**(a) skeletri ta' bnedmin, jew**
**(b) skeletri ta' annimali li nstabu fl-għar, jew**
**(ċ) <u>skeletri ta' annimali li ma nstabux fl-għar</u>.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Fl-2002 infetħet fergħa ġdida tal-mużew fejn l-esebiti qed jintwerew b'mod modern." Il-kelma <u>esebiti</u> qed tirreferi:**

**(a) <u>għall-fdalijiet tal-iskeletri li hemm fil-vetrini</u>, jew**
**(b) għall-istudjużi tal-iskeletri, jew**
**(ċ) għall-istudji li għamlu l-istudjużi.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Għalkemm taqsim bħal dan jiswa lill-istudjużi, madankollu ma tantx jiġbed lill-pubbliku." F'dis-sentenza, l-espressjoni <u>ma tantx jiġbed lill-pubbliku</u> tfisser:**

**(a) li l-pubbliku jieħu pjaċir bihom, jew**
**(b) li lill-pubbliku jdejquh ħafna, jew**
**(ċ) <u>li l-pubbliku bilkemm jogħġbuh</u>.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent tad-dar ***jew*** ġrajjiet kurrenti.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent tad-dar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhi t-tip ta' dar li tgħix fiha? Agħtini deskrizzjoni tagħha.**
2. **Semmili l-aktar kamra għal qalbek li hemm fid-dar tiegħek. Għaliex togħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin id-dar tiegħek, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta n-nies iżommu djarhom xummiema, imma ma jiddejqux iħammġu barra. Taqbel? Għaliex?**
5. **Fid-dinja hawn madwar mitt miljun ruħ li m'għandhomx saqaf fuq rashom. Kieku jkollok il-poter u l-flus, x'tagħmel għal dawn in-nies? Għaliex?**

JEW

**Ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ġrajjiet kurrenti*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq liema huwa l-iktar mezz prattiku għalik biex tkun taf x'inhu jiġri fid-dinja. Għaliex għażilt lilu?**
2. **Semmili persuna li spikkat dan l-aħħar fl-aħbarijiet ta' barra. Għaliex?**
3. **Tippreferi tisma' l-aħbarijiet ta' Malta jew ta' barra? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li biex tkun parti mid-dinja, trid tkun taf x'inhu għaddej madwarek. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun ġurnalist(a), lil min tixtieq tintervista? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti lsien nazzjonali ***jew*** Ġan Franġisk Agius de Soldanis.

**Il-Malti lsien nazzjonali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti lsien nazzjonali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li għandek tkun kburi (kburija) li pajjiż żgħir bħal Malta għandu lsien tiegħu? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kap ta' skola, u jitolbuk titkellem fuq l-ilsien Malti fil-Jum Ewropew tal-Lingwi. X'messaġġ tagħtihom lill-istudenti fuq il-Malti? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġan Franġisk Agius de Soldanis.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 18 jew 1712-1770)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġan Franġisk Agius de Soldanis għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2a** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Il-bidu tal-Unjoni Ewropea**

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea jmur lura għas-sena 1952. F'dik is-sena twaqqfet il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. L-iskop ta' din il-komunità kien li jintgħelbu t-tfixkil u l-ispejjeż żejda li kienu jeżistu fis-swieq tal-faħam u l-azzar fl-Ewropa. Bit-tneħħija tagħhom, l-industrija Ewropea ta' dawn il-prodotti saret aktar kompetittiva għax tnaqqsulha l-ispejjeż. Għalhekk il-pajjiżi Ewropej li kellhom dawn l-industriji setgħu jkabbru l-bejgħ tagħhom u jżidu l-qligħ. Dan kien l-ewwel tentattiv ta' kollaborazzjoni bejn pajjiżi Ewropej, pajjiżi li sa ftit snin qabel kienu għedewwa fil-gwerra.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** *JEW* **Ġrajjiet kurrenti**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti lsien nazzjonali** *JEW* **Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2b** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

L-attakk fuq l-Imqabba

Meta fl-1942 l-ajruplani Ġermaniżi taru fuq l-Imqabba, ħafna nies tar-raħal kienu diġà semgħu s-sirena u marru jiġru għall-kenn taħt l-art. Iżda xi morda u xjuħ kienu għadhom fi djarhom. It-tobba u l-infermiera kienu mħejjija biex iduru bil-midruba. Imma f'April ħadd ma kien qed jistenna dik il-ħruxija ta' attakki diretti. L-ajruplani kienu donnhom xjaten. It-toroq dojoq tal-Imqabba saru labirint tal-biża'. Mhux kulħadd irnexxielu jistkenn meta faqqgħu dawn l-attakki. L-ajruplani għamlu ħerba sħiħa. Għal ħafna Mqabbin, il-gwerra spiċċat hemm, fit-terrapien, miksija bit-trab safrani.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**It-telefown huwa apparat li f'post wieħed jaqleb il-ħoss f'sinjal elettriku li mbagħad jiġri għand min suppost jirċevih fejn jerġa' jinqaleb minn sinjal elettriku f'ħoss. Il-persuna li ħaqqha krettu għall-iżvilupp tat-telefown huwa l-Amerikan Alexander Bell. Il-vantaġġi kbar tat-telefown fuq mezzi ta' komunikazzjoni soċjali oħra huma tlieta: l-ewwel, li huwa mezz ta' komunikazzjoni immedjata, fejn il-messaġġ jista' jasal prattikament fl-istess ħin li qed jinħoloq; it-tieni, li huwa interattiv, għax jippermetti li jseħħ djalogu bejn tnejn minn nies; it-tielet, li ma jinvolvix spiża kbira għall-abbonat, kemm biex jiġi installat kif ukoll biex jintuża, u allura huwa mezz ta' komunikazzjoni mxerred u popolari ħafna.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) <u>it-telefown</u>, jew**
**(b) l-elettriku, jew**
**(ċ) il-mowbajl.**

**2. Skont is-silta, it-telefown huwa:**

**(a) mezz ta' negozju, jew**
**(b) <u>mezz ta' komunikazzjoni soċjali</u>, jew**
**(ċ) mezz ta' divertiment.**

**3. It-telefown huwa popolari:**

**(a) <u>għax hu servizz irħis</u>, jew**
**(b) għax hu servizz bla ħlas, jew**
**(ċ) għax hu servizz ta' pjaċir.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "ma jinvolvix spiża kbira għall-abbonat." Il-kelma <u>abbonat</u> qed tirreferi:**

**(a) għal min jirċievi telefonata, jew**
**(b) għal min juża t-telefown, jew**
**(ċ) <u>għal min għandu s-servizz tat-telefown</u>.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Il-persuna li ħaqqha krettu għall-iżvilupp tat-telefown huwa l-Amerikan Alexander Bell." L-espressjoni <u>ħaqqha krettu</u> tfisser:**

**(a) għandha d-dejn, jew**
**(b) <u>jistħoqqilha tifħir</u>, jew**
**(ċ) jistħoqqilha inkoraġġiment.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* iż-żgħożija ***jew*** ġrajjiet kurrenti.

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-akbar żewġt iħbieb tiegħek. Għaliex huma u mhux oħrajn?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb fiż-żmien li għaddej(ja) minnu. Għaliex?**
3. **Liema żmien tal-ħajja tippreferi, it-tfulija jew iż-żgħożija? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ż-żgħażagħ mimlijin ideat sbieħ li bihom itejbu s-soċjetà tal-futur. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Prim Ministru ta' Malta, il-liċenzja tas-sewqan tniżżilha għal sittax jew tgħolliha għal għoxrin? Għaliex?**

JEW

**Ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq liema huwa l-iktar mezz prattiku għalik biex tkun taf x'inhu jiġri fid-dinja. Għaliex għażilt lilu?**
2. **Semmili persuna li spikkat dan l-aħħar fl-aħbarijiet ta' barra. Għaliex?**
3. **Tippreferi tisma' l-aħbarijiet ta' Malta jew ta' barra? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li biex tkun parti mid-dinja, trid tkun taf x'inhu għaddej madwarek. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun ġurnalist (a), lil min tixtieq tintervista? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Malti tajjeb *jew* Dun Karm Psaila.

**Malti tajjeb**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Malti tajjeb.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li f'Malta huwa importanti li tkun taf tikteb u titkellem b'Malti tajjeb? Għaliex?**
2. **Immaġina li tkun magħfus bil-ħin u trid tibgħat messaġġ bil-mowbajl. Tagħti kas kif se tikteb? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-poeżiji u d-dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Dun Karm għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2b** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## L-attakk fuq l-Imqabba

Meta fl-1942 l-ajruplani Ġermaniżi taru fuq l-Imqabba, ħafna nies tar-raħal kienu diġà semgħu s-sirena u marru jiġru għall-kenn taħt l-art. Iżda xi morda u xjuħ kienu għadhom fi djarhom. It-tobba u l-infermiera kienu mħejjija biex iduru bil-midruba. Imma f'April ħadd ma kien qed jistenna dik il-ħruxija ta' attakki diretti. L-ajruplani kienu donnhom xjaten. It-toroq dojoq tal-Imqabba saru labirint tal-biża'. Mhux kulħadd irnexxielu jistkenn meta faqqgħu dawn l-attakki. L-ajruplani għamlu ħerba sħiħa. Għal ħafna Mqabbin, il-gwerra spiċċat hemm, fit-terrapien, miksija bit-trab safrani.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Iż-żgħożija** *JEW* **Ġrajjiet kurrenti**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Malti tajjeb** *JEW* **Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2ċ** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-formazzjoni ta' Malta

Fl-1992 intqal li Malta bdiet tifforma daqs tletin miljun sena ilu. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ambjent u s-sistema ekoloġika Maltija tbiddlu kemm-il darba. Għall-ewwel ħamsa u għoxrin miljun sena tal-eżistenza tagħha, Malta kienet tifforma parti minn qiegħ il-baħar. F'dal-baħar kienu jikbru tipi ta' algi li madwar ġisimhom jiffurmaw qoxra iebsa. Dawn l-algi kienu jiksu l-qiegħ u jikbru fuq xulxin, saff fuq l-ieħor, biex b'hekk jiffurmaw sollijiet kbar. L-ambjent wara tbiddel f'wieħed ta' qiegħ imrammel maħkum minn ħafna kurrenti tal-ilma.

| ZERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-aktar forma ta' komunikazzjoni bażika u komuni hija d-diskors bejn tnejn minn nies. Id-diskors, kemm bil-fomm (jew komunikazzjoni verbali) kif ukoll bil-mossi (jew komunikazzjoni mhux verbali) huwa essenzjali fil-ħajja tal-bniedem. Aħna ngħixu u nikbru skont kemm nagħmluha ma' ħaddieħor; u allura importanti li aħna nifhmu sewwa xi jkun għaddej matul dawn il-bosta okkażjonijiet ta' komunikazzjoni. Fost affarijiet oħra, hemm ħtieġa kbira li aħna nitgħallmu nisimgħu apparti li nitkellmu; li nifhmu sewwa dak li jixtieq jgħidilna ħaddieħor, mhux biss bil-kliem imma anki minn sinjali oħra bħal ċaqliq tal-idejn jew il-ħars; u li nittrażmettu sewwa dak li nixtiequ nwasslu aħna lil ħaddieħor.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) id-diskors, jew**
**(b) ix-xamm, jew**
**(ċ) il-ħars.**

**2. Komunikazzjoni verbali ssir:**

**(a) bil-kitba, jew**
**(b) bil-mossi, jew**
**(ċ) bil-fomm.**

**3. Skont is-silta, aħna ngħixu u nikbru skont kemm:**

**(a) nieklu, jew**
**(b) nitgħallmu, jew**
**(ċ) nagħmluha ma' ħaddieħor.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "nittrażmettu sewwa dak li nixtiequ nwasslu aħna lil ħaddieħor." Il-kelma nittrażmettu tfisser:**

**(a) inxandru, jew**
**(b) infixklu, jew**
**(ċ) naħsbu.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Aħna ngħixu u nikbru skont kemm nagħmluha ma' ħaddieħor." L-espressjoni tagħmilha ma' ħaddieħor tfisser:**

**(a) titħallat ma' nies oħra, jew**
**(b) tiġġieled ma' nies oħra, jew**
**(ċ) tistudja ma' nies oħra.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent tad-dar ***jew*** iż-żgħożija.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent tad-dar.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhi t-tip ta' dar li tgħix fiha? Agħtini deskrizzjoni tagħha.**
2. **Semmili l-aktar kamra għal qalbek li hemm fid-dar tiegħek. Għaliex togħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin id-dar tiegħek, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta n-nies iżommu djarhom xummiema, imma ma jiddejqux iħammġu barra. Taqbel? Għaliex?**
5. **Fid-dinja hawn madwar mitt miljun ruħ li m'għandhomx saqaf fuq rashom. Kieku jkollok il-poter u l-flus, x'tagħmel għal dawn in-nies? Għaliex?**

JEW

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-akbar żewġt iħbieb tiegħek. Għaliex huma u mhux oħrajn?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb fiż-żmien li għaddej(ja) minnu. Għaliex?**
3. **Liema żmien tal-ħajja tippreferi, it-tfulija jew iż-żgħożija? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ż-żgħażagħ mimlijin ideat sbieħ li bihom itejbu s-soċjetà tal-futur. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Prim Ministru ta' Malta, il-liċenzja tas-sewqan tniżżilha għal sittax jew tgħolliha għal għoxrin? Għaliex?**

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* is-saħħa tal-ilsien Malti ***jew*** Ġużè Aquilina.

**Is-saħħa tal-ilsien Malti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *is-saħħa tal-ilsien Malti*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li l-ilsien Malti għadu b'saħħtu maż-żgħażagħ Maltin? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti tmexxi għaqda taż-żgħażagħ. Xi jkun il-messaġġ tiegħek liż-żgħażagħ fuq l-importanza tal-Malti? Għaliex tgħidilhom hekk?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina*.**

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **2ċ** |
| DATA: | 3 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Il-formazzjoni ta' Malta

Fl-1992 intqal li Malta bdiet tifforma daqs tletin miljun sena ilu. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ambjent u s-sistema ekoloġika Maltija tbiddlu kemm-il darba. Għall-ewwel ħamsa u għoxrin miljun sena tal-eżistenza tagħha, Malta kienet tifforma parti minn qiegħ il-baħar. F'dal-baħar kienu jikbru tipi ta' algi li madwar ġisimhom jiffurmaw qoxra iebsa. Dawn l-algi kienu jiksu l-qiegħ u jikbru fuq xulxin, saff fuq l-ieħor, biex b'hekk jiffurmaw sollijiet kbar. L-ambjent wara tbiddel f'wieħed ta' qiegħ imrammel maħkum minn ħafna kurrenti tal-ilma.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** *JEW* **Iż-żgħożija**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Is-saħħa tal-ilsien Malti** *JEW* **Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **3a** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Nelson Mandela

F'Diċembru tas-sena l-oħra miet Nelson Mandela. Il-President attwali tal-Afrika ta' Isfel sejjaħlu missier il-poplu. Mandela jibqa' mfakkar għall-ġlieda paċifika tiegħu kontra l-inġustizzji li kienu jsofru n-nies ta' pajjiżu. Għal dan ħallas prezz għoli. Qatta' ftit iktar minn kwart ta' seklu maqful f'ċella. Fl-1990 ħelsuh u ftit snin wara l-poplu vvutalu bi ħġaru biex ikun l-ewwel president ta' nazzjon ġdid. Il-ħajja tiegħu saret magħrufa mad-dinja kollha. Għalhekk għall-aħħar tislima tiegħu attendew il-kbarat kollha tad-dinja.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Kieku Malta waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti fit-Tieni Gwerra Dinjija, forsi l-istorja tal-Ewropa kienet tkun differenti. Kienet tkun agħar. Titkexkex taħseb x'setgħu kienu l-konsegwenzi għalina l-Maltin kieku Malta ntrebħet dak iż-żmien. Iżda bis-saħħa tal-kuraġġ ta' missirijietna, li ħallsu prezz għoli, dan ma seħħx. Min tilef ħajtu, min tilef xi ħadd għażiż, min weġġa' gravi, min iġġarrfitlu daru, u min kellu jitlaq pajjiżu u jmur ifittex refuġju xi raħal ieħor. Kulħadd bata l-ġuħ, in-nuqqas ta' rqad, it-tħarbit tal-ħajja ta' kuljum. Fuq kollox, kulħadd kien maħkum mill-biża' li l-għada se jisbaħ bi traġedja ma' wiċċu.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**
**(a) l-inċidenti, jew**
**(b) <u>il-gwerra</u>, jew**
**(ċ) il-bini.**

**2. Fit-Tieni Gwerra Dinjija, Malta:**
**(a) ngħaqdet man-Nazisti u l-Faxxisti, jew**
**(b) <u>qatt ma waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti</u>, jew**
**(ċ) ġieli waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti.**

**3. Il-prezz tal-gwerra għall-Maltin kien jinkludi:**
**(a) taxxi ogħla għall-isptarijiet, jew**
**(b) ix-xiri tal-armi, jew**
**(ċ) <u>it-tbatija fiżika</u>.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Titkexkex taħseb x'setgħu kienu l-konsegwenzi għalina l-Maltin kieku Malta ntrebħet dak iż-żmien." Il-kelma <u>konsegwenza</u> qed tirreferi:**
**(a) <u>għal dak li jiġri wara</u>, jew**
**(b) għal dak li jiġri qabel, jew**
**(ċ) għal dak li ma jiġri qatt.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Min tilef ħajtu, min tilef xi ħadd għażiż, min weġġa' gravi, min iġġarrfitlu daru, u min kellu jitlaq pajjiżu u jmur ifittex refuġju xi raħal ieħor." F'din is-sentenza, l-espressjoni <u>min tilef ħajtu</u> tfisser:**
**(a) min tilef ġidu, jew**
**(b) <u>min miet</u>, jew**
**(ċ) min qatt ma rebaħ xejn.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-edukazzjoni ***jew*** l-ivvjaġġar.

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-edukazzjoni.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-isbaħ sena li għaddejt fl-iskola sekondarja. Għaliex għażilt lilha?**
2. **Semmili l-aktar suġġett għal qalbek. Għaliex?**
3. **Fil-ħin liberu tiegħek x'tippreferi tagħmel, taqra xi ktieb jew toqgħod quddiem il-kompjuter? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mingħajr skola ma tagħmel xejn. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Ministru tal-Edukazzjoni, xi tkun l-ewwel ħaġa li tagħmel fl-iskejjel? Għaliex?**

JEW

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ivvjaġġar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Liema huwa l-aktar vjaġġ twil li għamilt s'issa? Għaliex mort hemmhekk?**
2. **Semmili l-aktar post li għoġbok. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tmur xi mkien Malta jew Għawdex, tippreferi taqbad tal-linja jew tmur bil-karozza? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li l-Maltin aktar jippreferu jonfqu l-flus għas-safar milli biex jixtru djar kbar fejn joqogħdu. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellu jkollok somma flus u tiddeċiedi li tmur vaganza barra minn Malta, fejn tagħżel li tmur? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-bilingwiżmu f'Malta ***jew*** Ġan Anton Vassallo.

**Il-bilingwiżmu f'Malta**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-bilingwiżmu f'Malta*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li min ikun bilingwi jkollu vantaġġ fuq min ikun jaf ilsien wieħed biss? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kont il-President ta' Malta u talbuk tagħmel diskors fuq l-ambjent u se jkun hemm Maltin u barranin. B'liema lsien tagħmlu d-diskors? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Anton Vassallo**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġan Anton Vassallo.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 19 jew 1817-1868)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-poeżiji)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġan Anton Vassallo għen biex il-letteratura Maltija tkompli tikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **3a** |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Nelson Mandela

F'Diċembru tas-sena l-oħra miet Nelson Mandela. Il-President attwali tal-Afrika ta' Isfel sejjaħlu missier il-poplu. Mandela jibqa' mfakkar għall-ġlieda paċifika tiegħu kontra l-inġustizzji li kienu jsofru n-nies ta' pajjiżu. Għal dan ħallas prezz għoli. Qatta' ftit iktar minn kwart ta' seklu maqful f'ċella. Fl-1990 ħelsuh u ftit snin wara l-poplu vvutalu bi ħġaru biex ikun l-ewwel president ta' nazzjon ġdid. Il-ħajja tiegħu saret magħrufa mad-dinja kollha. Għalhekk għall-aħħar tislima tiegħu attendew il-kbarat kollha tad-dinja.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-edukazzjoni** *JEW* **L-ivvjaġġar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu f'Malta** *JEW* **Ġan Anton Vassallo**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **3b** |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Joseph Calleja

Wieħed mill-ikbar teżori li għandha d-dinja tal-mużika operistika llum huwa t-tenur Malti Joseph Calleja. Meta jkanta jqabbdek il-bard, tant li għal xi kritiċi mustaċċuni huwa l-aqwa tenur liriku ta' żmienna. Minkejja l-età żagħżugħa tiegħu diġà għamel suċċess kbir. Rebaħ ħafna premjijiet prestiġjużi u kanta fl-aqwa teatri tad-dinja. Barra minn hekk, ħareġ diversi albums li ntlaqgħu bil-ferħa mill-ammiraturi tal-mużika operistika.

Huwa twieled fl-1978. Il-bidu tiegħu jafu lit-tenur Pawlu Asciak, l-ewwel għalliem tiegħu. Illum Joseph Calleja huwa l-ambaxxatur kulturali Malti.

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Madwar erbgħin sena ilu għamel l-ewwel titjira tiegħu ajruplan tal-passiġġieri ta' qawwa fenomenali, il-Concorde. Dan kien jieħu nofs il-ħin tal-ajruplani l-oħra biex jasal fid-destinazzjonijiet tiegħu. Ngħidu aħna, minn Londra għal New York kien jieħu tliet sigħat biss. Huwa kien l-ajruplan preferut man-negozjanti li riedu jaqsmu mill-Ewropa għall-Amerka fl-inqas ħin possibbli.**

**Il-Concorde kien il-frott tal-kollaborazzjoni bejn l-Ingliżi u l-Franċiżi. Matul sebgħa u għoxrin sena bnew għoxrin ajruplan ta' dan it-tip. Minħabba l-ispejjeż kbar, il-kumpanija għalqet il-bibien madwar għaxar snin ilu. Ftit qabel ma għalqet, iġġarraf ajruplan**

**minnhom u miet kull min kien fuqu. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex forsi l-kumpanija tirxoxta.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) ajruplan tal-passiġġieri, jew**
**(b) ajruplan tal-gwerra, jew**
**(ċ) ajruplan tas-salvataġġ.**

**2. Biex jasal fid-destinazzjoni tiegħu, il-Concorde:**

**(a) kien jieħu aktar ħin mill-ajruplani l-oħra, jew**
**(b) kien jieħu l-istess ħin tal-ajruplani l-oħra, jew**
**(ċ) kien jgħaġġel aktar mill-ajruplani l-oħra.**

**3. Il-Concorde kien proġett bejn:**

**(a) l-Ingliżi u l-Franċiżi, jew**
**(b) l-Ingliżi u l-Amerikani, jew**
**(ċ) l-Amerikani u l-Franċiżi.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Ftit qabel ma għalqet, iġġarraf ajruplan minnhom u miet kull min kien fuqu." Il-kelma ġġarraf, qed tirreferi:**

**(a) għal waqgħa ta' ajruplan, jew**
**(b) għal splużjoni fuq ajruplan, jew**
**(ċ) għal girfa kerha mal-ġenb ta' ajruplan.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Minħabba l-ispejjeż kbar, il-kumpanija għalqet il-bibien madwar għaxar snin ilu." F'dis-sentenza, l-espressjoni għalqet il-bibien tfisser:**

**(a) il-kumpanija xoljiet, jew**
**(b) il-kumpanija għalqet għall-vaganzi, jew**
**(ċ) il-kumpanija ma baqgħetx taħdem billejl.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* id-divertiment ***jew*** l-edukazzjoni.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *id-divertiment.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, liema huma l-postijiet li joffru divertiment? Kellimni fuq wieħed minnhom.** *F'każ li l-kandidat jgħid li m'hemmx, l-eżaminatur jistaqsi:* **X'inhi r-raġuni li m'hemmx?**
2. **Semmili l-aktar attività li tkun qed tistenna matul is-sena għax tieħu pjaċir biha. Għaliex togħġbok?**
3. **Fejn tippreferi tmur ma' ħbiebek, it-teatru jew iċ-ċinema? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta l-iktar post magħruf għad-divertiment għaż-żgħażagħ huwa Paceville. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun il-Ministru taż-Żgħażagħ, x'tagħmel biex tħajjar liż-żgħażagħ imorru iżjed iċ-ċinema/ it-teatru? Għaliex?** *L-eżaminatur isemmi l-post li l-kandidat qal li ma jippreferix imur.*

JEW

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-edukazzjoni.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-isbaħ sena li għaddejt fl-iskola sekondarja. Għaliex għażilt lilha?**
2. **Semmili l-aktar suġġett għal qalbek. Għaliex?**
3. **Fil-ħin liberu tiegħek x'tippreferi tagħmel, taqra xi ktieb jew toqgħod quddiem il-kompjuter? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mingħajr skola ma tagħmel xejn. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Ministru tal-Edukazzjoni, xi tkun l-ewwel ħaġa li tagħmel fl-iskejjel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti bħala lsien li qed jinbidel ***jew*** Ninu Cremona.

**Il-Malti bħala lsien li qed jinbidel**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti bħala lsien li qed jinbidel*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li l-ilsien Malti kif titkellmu int huwa differenti min kif jitkellmuh l-anzjani? Għaliex?**
2. **Immaġina li jiġi fuqek turist u jistaqsik jekk il-Maltin jużawx kliem bl-Ingliż huma u jitkellmu bil-Malti. X'tgħidlu? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ninu Cremona**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ninu Cremona.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1880-1972)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ninu Cremona għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **3b** |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Joseph Calleja**

Wieħed mill-ikbar teżori li għandha d-dinja tal-mużika operistika llum huwa t-tenur Malti Joseph Calleja. Meta jkanta jqabbdek il-bard, tant li għal xi kritiċi mustaċċuni huwa l-aqwa tenur liriku ta' żmienna. Minkejja l-età żagħżugħa tiegħu diġà għamel suċċess kbir. Rebaħ ħafna premjijiet prestiġjużi u kanta fl-aqwa teatri tad-dinja. Barra minn hekk, ħareġ diversi albums li ntlaqgħu bil-ferħa mill-ammiraturi tal-mużika operistika.

Huwa twieled fl-1978. Il-bidu tiegħu jafu lit-tenur Pawlu Asciak, l-ewwel għalliem tiegħu. Illum Joseph Calleja huwa l-ambaxxatur kulturali Malti.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment** *JEW* **L-edukazzjoni**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti bħala lsien li qed jinbidel** *JEW* **Ninu Cremona**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **3ċ** |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-klieb il-baħar

Stħarriġ li sar fl-2012 dwar l-impatt tas-sajd kummerċjali fuq il-ħajja fil-baħar jissuġġerixxi li kull sena qed jinqatlu għexieren ta' miljuni ta' klieb il-baħar. Ir-riċerkaturi huma mħassba għall-aħħar dwar dan il-fatt. Skonthom, iktar qed jinqatlu klieb il-baħar milli jitwieldu. Ir-raġuni ewlenija għal dan il-qtil "miljunarju" hija x-xewka tad-dahar tal-ħuta, li bosta komunitajiet madwar id-dinja tinżlilhom għasel meta jagħmluha soppa. Għalkemm għandna raġun nibżgħu minn xi razez ta' klieb il-baħar, fis-sew dawn il-ħlejjaq huma essenzjali biex iżommu l-bilanċ naturali fil-ħajja tal-baħar.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Fl-iktar tifsira wiesgħa tagħha, l-edukazzjoni tfisser tagħlim. Dan isir billi l-għerf, il-kapaċitajiet u d-drawwiet ta' grupp ta' nies jitwasslu minn ġenerazzjoni għal oħra. Normalment l-edukazzjoni sseħħ taħt għajnejn ħaddieħor – l-għalliema – imma mhux bilfors. Kull esperjenza tal-ħajja tista' tgħin fil-formazzjoni ta' individwu. Għalhekk it-tagħlim jista' jsir mill-individwu nnifsu. L-edukazzjoni formali hija mqassma fi stadji differenti: il-kindergarten, il-primarja, is-sekondarja u l-Università.**

**Id-dritt li wieħed ikollu edukazzjoni huwa rikonoxxut mill-gvernijiet tal-pajjiżi kollha. Saħansitra n-Nazzjonijiet Magħquda tirrikonoxxi d-dritt li bniedem ikollu opportunità li jeduka ruħu. Għalhekk l-edukazzjoni hija obbligatorja sa ċerta età f'bosta pajjiżi. Sfortunatament, f'xi pajjiżi tat-Tielet Dinja, in-nisa għadhom imċaħħda minn dan id-dritt.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm qrajt hija fuq:**

**(a) in-Nazzjonijiet Magħquda, jew**
**(b) l-edukazzjoni, jew**
**(ċ) it-Tielet Dinja.**

**2. Meta ngħidu li t-tagħlim jitwassal minn ġenerazzjoni għal oħra, nifhmu:**

**(a) il-kbar jgħallmu liż-żgħar, jew**
**(b) nitgħallmu biss mingħand l-esperti, jew**
**(ċ) nitgħallmu billi naqraw il-kotba.**

**3. Fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja, min huwa mċaħħad mid-dritt tal-edukazzjoni?**

**(a) It-tfal orfni, jew**
**(b) In-nisa, jew**
**(ċ) Min hu bi bżonnijiet speċjali.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Id-dritt li wieħed ikollu edukazzjoni huwa rikonoxxut mill-gvernijiet tal-pajjiżi kollha." Il-kelma rikonoxxut tfisser:**

**(a) aċċettat kontra qalbhom, jew**
**(b) aċċettat uffiċjalment, jew**
**(ċ) meqjus kapriċċ.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Normalment l-edukazzjoni sseħħ taħt għajnejn ħaddieħor". F'dis-sentenza, l-espressjoni taħt għajnejn ħaddieħor tfisser:**

**(a) issir bil-fomm, jew**
**(b) issir bl-għajnuna ta' xi ħadd, jew**
**(ċ) issir permezz tal-ħars.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* id-divertiment ***jew*** l-ivvjaġġar.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *id-divertiment*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, liema huma l-postijiet li joffru divertiment? Kellimni fuq wieħed minnhom.** *F'każ li l-kandidat jgħid li m'hemmx, l-eżaminatur jistaqsi:* **X'inhi r-raġuni li m'hemmx?**
2. **Semmili l-aktar attività li tkun qed tistenna matul is-sena għax tieħu pjaċir biha. Għaliex togħġbok?**
3. **Fejn tippreferi tmur ma' ħbiebek, it-teatru jew iċ-ċinema? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta l-iktar post magħruf għad-divertiment għaż-żgħażagħ huwa Paceville. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun il-Ministru taż-Żgħażagħ, x'tagħmel biex tħajjar liż-żgħażagħ imorru iżjed iċ-ċinema/ it-teatru? Għaliex?** *L-eżaminatur isemmi l-post li l-kandidat qal li ma jippreferix imur.*

JEW

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ivvjaġġar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Liema huwa l-aktar vjaġġ twil li għamilt s'issa? Għaliex mort hemmhekk?**
2. **Semmili l-aktar post li għoġbok. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tmur xi mkien Malta jew Għawdex, tippreferi taqbad tal-linja jew tmur bil-karozza? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li l-Maltin aktar jippreferu jonfqu l-flus għas-safar milli biex jixtru djar kbar fejn joqogħdu. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellu jkollok somma flus u tiddeċiedi li tmur vaganza barra minn Malta, fejn tagħżel li tmur? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* it-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin ***jew*** Ġużè Aquilina.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *it-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li huwa importanti li barra l-Malti nitgħallmu wkoll lingwi barranin l-iskola? Għaliex?**
2. **Kieku tkun kap ta' skola sekondarja, x'tagħmel biex tħajjar l-istudenti biex barra l-Malti u l-Ingliż jitgħallmu lingwa oħra? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina*.**

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **3ċ** |
| DATA: | 4 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Il-klieb il-baħar

Stħarriġ li sar fl-2012 dwar l-impatt tas-sajd kummerċjali fuq il-ħajja fil-baħar jissuġġerixxi li kull sena qed jinqatlu għexieren ta' miljuni ta' klieb il-baħar. Ir-riċerkaturi huma mħassba għall-aħħar dwar dan il-fatt. Skonthom, iktar qed jinqatlu klieb il-baħar milli jitwieldu. Ir-raġuni ewlenija għal dan il-qtil "miljunarju" hija x-xewka tad-dahar tal-ħuta, li bosta komunitajiet madwar id-dinja tinżlilhom għasel meta jagħmluha soppa. Għalkemm għandna raġun nibżgħu minn xi razez ta' klieb il-baħar, fis-sew dawn il-ħlejjaq huma essenzjali biex iżommu l-bilanċ naturali fil-ħajja tal-baħar.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment** *JEW* **L-ivvjaġġar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin** *JEW* **Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **4a** |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Tsunami

Malta ma tantx sofriet terremoti li għamlu ħsara u qatlu n-nies. L-iktar terremot qawwi msemmi seħħ madwar tliet mitt sena ilu meta ġġarraf il-katidral tal-Imdina.

Iktar minn mitejn sena wara, fit-28 ta' Diċembru tal-1908, waqt li n-nies kienet dieħla l-Belt u nieżla x-xatt għax-xogħol, u l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu mimlija laneċ u dgħajjes, ħabta u sabta qam il-baħar. Il-mewġ beda jikber u jogħla. Il-baħar imtela f'daqqa. Baħar bħal dak ma kienx tas-soltu. Mill-ewwel kulħadd induna li ġrat xi ħaġa serja.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Ir-Ramla, kif nafuha aħna l-Għawdxin, hija waħda mill-isbaħ bajjiet tagħna. Insejħulha r-Ramla għax m'għandniex ramla oħra li nistgħu nitfixkluha magħha. Għalkemm ir-Ramla ma tagħmilx man-Nadur, ilha s-snin il-kbar marbuta mar-raħal tagħna. Mijiet ta' Nadurin imorru hemm biex jgħumu u jistrieħu fis-sajf. Ir-Ramla saret imfittxija wkoll mix-Xagħrin u l-Maltin mindu x-Xlendi u Marsalforn ġarrbu qerda ambjentali u żvilupp żejjed. Xi kultant iżuruha l-istudenti tal-Arkeoloġija għax midfuna fit-tarf tagħha nsibu Villa Rumana miksija bi rħam u mużajk mill-aqwa għal dawk iż-żminijiet. Din il-Villa għadna ma nafux meta ser jikxfuha darba għal dejjem. Kien skavaha l-ewwel darba Temi Zammit bejn l-1910 u l-1911 imma reġgħu radmuha.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. L-awtur huwa:**

**(a) Malti, jew**
**(b) Għawdxi, jew**
**(ċ) turist.**

**2. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) ir-Ramla, jew**
**(b) il-baħar, jew**
**(ċ) Temi Zammit.**

**3. Il-Villa Rumana li tinsab ir-Ramla:**

**(a) hi miftuħa għall-pubbliku sajf u xitwa, jew**
**(b) hi miftuħa għall-pubbliku fis-sajf biss, jew**
**(ċ) għadha mirduma.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Ir-Ramla saret imfittxija wkoll mix-Xagħrin u l-Maltin mindu x-Xlendi u Marsalforn ġarrbu qerda ambjentali u żvilupp żejjed." Il-kelma qerda qed tirreferi:**

**(a) għal biki, jew**
**(b) għal taħsir, jew**
**(ċ) għal nixfa.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Din il-Villa għadna ma nafux meta ser jikxfuha darba għal dejjem." F'din is-sentenza, l-espressjoni darba għal dejjem tfisser:**

**(a) għal ftit okkażjonijiet, jew**
**(b) għal okkażjoni waħda, jew**
**(ċ) il-jiem kollha.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* ix-xiri ***jew*** il-kura tas-saħħa.

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ix-xiri.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-iktar ħanut għal qalbek li għandek fir-raħal tiegħek. Għaliex għażilt dan il-ħanut?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb tixtri. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tixtri l-ħwejjeġ, tippreferi tmur tixtri mir-raħal tiegħek stess jew minn xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ħafna mill-affarijiet li nixtru fir-realtà m'għandniex x'nambuhom. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku tirbaħ kemxa flus, x'inhi l-ewwel ħaġa li tixtri? Għaliex?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-kura tas-saħħa.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq xi ħadd li jħobb jieħu ħsieb saħħtu. Għaliex għażilt lilu (lilha)?**
2. **Semmili l-aktar platt għal qalbek. Għaliex?**
3. **Liema sport tippreferi tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mhux kemm tiekol jgħodd, imma x'tiekol. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek issir tabib(a), x'parir tagħtihom lit-tfal tal-iskola kif jieħdu ħsieb saħħithom? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti safi ***jew*** Ġużè Muscat Azzopardi.

**Il-Malti safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti safi.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li nistgħu nikkomunikaw bil-Malti sewwa jekk inħallu barra l-kliem kollu li ġej mill-Ingliż? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti għalliem(a) u l-istudenti tiegħek qed iħalltu l-Malti u l-Ingliż fid-diskors tagħhom. Xi tkun ir-reazzjoni tiegħek? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Muscat Azzopardi**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Muscat Azzopardi.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

- **a.** ***F'liema żmien għex?*** *(sekli 19 u 20 jew 1853-1927)*
- **b.** ***Għalxiex inhu magħruf l-aktar?*** *(ir-rumanzi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Muscat Azzopardi għen biex il-letteratura tkomplu tikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **4a** |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Tsunami**

Malta ma tantx sofriet terremoti li għamlu ħsara u qatlu n-nies. L-iktar terremot qawwi msemmi seħħ madwar tliet mitt sena ilu meta ġġarraf il-katidral tal-Imdina.

Iktar minn mitejn sena wara, fit-28 ta' Diċembru tal-1908, waqt li n-nies kienet dieħla l-Belt u nieżla x-xatt għax-xogħol, u l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu mimlija laneċ u dgħajjes, ħabta u sabta qam il-baħar. Il-mewġ beda jikber u jogħla. Il-baħar imtela f'daqqa. Baħar bħal dak ma kienx tas-soltu. Mill-ewwel kulħadd induna li ġrat xi ħaġa serja.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Ix-xiri** *JEW* **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti safi** *JEW* **Ġużè Muscat Azzopardi**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **4b** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea jmur lura għas-sena 1952. F'dik is-sena twaqqfet il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. L-iskop ta' din il-komunità kien li jintgħelbu t-tfixkil u l-ispejjeż żejda li kienu jeżistu fis-swieq tal-faħam u l-azzar fl-Ewropa. Bit-tneħħija tagħhom, l-industrija Ewropea ta' dawn il-prodotti saret aktar kompetittiva għax tnaqqsulha l-ispejjeż. Għalhekk il-pajjiżi Ewropej li kellhom dawn l-industriji setgħu jkabbru l-bejgħ tagħhom u jżidu l-qligħ. Dan kien l-ewwel tentattiv ta' kollaborazzjoni bejn pajjiżi Ewropej, pajjiżi li sa ftit snin qabel kienu għedewwa fil-gwerra.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Waħda mill-attrazzjonijiet turistiċi hija l-mużew ta' Għar Dalam f'Birżebbuġa li twaqqaf fis-snin tletin tas-seklu għoxrin b'numru ta' vetrini mimlijin fdalijiet ta' skeletri li nġabru mill-għar u tqassmu skont l-ispeċi u t-tip. Eżemplari sħaħ ta' xi annimali li ma nstabux fl-għar iżda li ġew esebiti bħala mezz ta' referenza – bħalma huma ċerva moderna u ljunfant – tqiegħdu ġol-vetrini f'nofs il-mużew. Għalkemm taqsim bħal dan jiswa lill-istudjużi, madankollu ma tantx jiġbed lill-pubbliku. Dan il-format inżamm biex jindika kif kienet issir ir-riċerka seklu ilu. Fl-2002 infetħet fergħa ġdida tal-mużew fejn l-esebiti qed jintwerew b'mod modern u b'sistema eħfef għall-viżitatur.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) l-annimali ta' Malta, jew**
**(b) <u>il-mużew ta' Għar Dalam</u>, jew**
**(ċ) l-istudju tal-iskeletri tal-annimali.**

**2. Il-vetrini tal-mużew ta' Għar Dalam huma mimlijin:**

**(a) <u>bil-fdalijiet tal-iskeletri</u>, jew**
**(b) b'ornamenti antiki, jew**
**(ċ) b'ġawhar prezzjuż.**

**3. Fil-vetrini f'nofs il-mużew tqiegħdu:**

**(a) skeletri ta' bnedmin, jew**
**(b) skeletri ta' annimali li nstabu fl-għar, jew**
**(ċ) <u>skeletri ta' annimali li ma nstabux fl-għar</u>.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Fl-2002 infetħet fergħa ġdida tal-mużew fejn l-esebiti qed jintwerew b'mod modern". Il-kelma <u>esebiti</u> qed tirreferi:**

**(a) <u>għall-fdalijiet tal-iskeletri li hemm fil-vetrini</u>, jew**
**(b) għall-istudjużi tal-iskeletri, jew**
**(ċ) għall-istudji li għamlu l-istudjużi.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Għalkemm taqsim bħal dan jiswa lill-istudjużi, madankollu ma tantx jiġbed lill-pubbliku." F'dis-sentenza, l-espressjoni <u>ma tantx jiġbed lill-pubbliku</u> tfisser:**

**(a) li l-pubbliku jieħu pjaċir bihom, jew**
**(b) li lill-pubbliku jdejjquh ħafna, jew**
**(ċ) <u>li l-pubbliku bilkemm jogħġbuh</u>.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent tad-dar ***jew*** ġrajjiet kurrenti.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent tad-dar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhi t-tip ta' dar li tgħix fiha? Agħtini deskrizzjoni tagħha.**
2. **Semmili l-aktar kamra għal qalbek li hemm fid-dar tiegħek. Għaliex togħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin id-dar tiegħek, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta n-nies iżommu djarhom xummiema, imma ma jiddejqux iħammġu barra. Taqbel? Għaliex?**
5. **Fid-dinja hawn madwar mitt miljun ruħ li m'għandhomx saqaf fuq rashom. Kieku jkollok il-poter u l-flus, x'tagħmel għal dawn in-nies? Għaliex?**

JEW

**Ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ġrajjiet kurrenti*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq liema huwa l-iktar mezz prattiku għalik biex tkun taf x'inhu jiġri fid-dinja. Għaliex għażilt lilu?**
2. **Semmili persuna li spikkat dan l-aħħar fl-aħbarijiet ta' barra. Għaliex?**
3. **Tippreferi tisma' l-aħbarijiet ta' Malta jew ta' barra? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li biex tkun parti mid-dinja, trid tkun taf x'inhu għaddej madwarek. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun ġurnalist(a), lil min tixtieq tintervista? Għaliex?**

| ZERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti lsien nazzjonali ***jew*** Ġan Franġisk Agius de Soldanis.

**Il-Malti lsien nazzjonali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti lsien nazzjonali*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li għandek tkun kburi (kburija) li pajjiż żgħir bħal Malta għandu lsien tiegħu? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kap ta' skola, u jitolbuk titkellem fuq l-ilsien Malti fil-Jum Ewropew tal-Lingwi. X'messaġġ tagħtihom lill-istudenti fuq il-Malti? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġan Franġisk Agius de Soldanis.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 18 jew 1712-1770)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġan Franġisk Agius de Soldanis għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **4b** |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Il-bidu tal-Unjoni Ewropea

Il-bidu tal-Unjoni Ewropea jmur lura għas-sena 1952. F'dik is-sena twaqqfet il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. L-iskop ta' din il-komunità kien li jintgħelbu t-tfixkil u l-ispejjeż żejda li kienu jeżistu fis-swieq tal-faħam u l-azzar fl-Ewropa. Bit-tneħħija tagħhom, l-industrija Ewropea ta' dawn il-prodotti saret aktar kompetittiva għax tnaqqsulha l-ispejjeż. Għalhekk il-pajjiżi Ewropej li kellhom dawn l-industriji setgħu jkabbru l-bejgħ tagħhom u jżidu l-qligħ. Dan kien l-ewwel tentattiv ta' kollaborazzjoni bejn pajjiżi Ewropej, pajjiżi li sa ftit snin qabel kienu għedewwa fil-gwerra.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** *JEW* **Ġrajjiet kurrenti**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti lsien nazzjonali** *JEW* **Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **4ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Nelson Mandela

F'Diċembru tas-sena l-oħra miet Nelson Mandela. Il-President attwali tal-Afrika ta' Isfel sejjaħlu missier il-poplu. Mandela jibqa' mfakkar għall-ġlieda paċifika tiegħu kontra l-inġustizzji li kienu jsofru n-nies ta' pajjiżu. Għal dan ħallas prezz għoli. Qatta' ftit iktar minn kwart ta' seklu maqful f'ċella. Fl-1990 ħelsuh u ftit snin wara l-poplu vvutalu bi ħġaru biex ikun l-ewwel president ta' nazzjon ġdid. Il-ħajja tiegħu saret magħrufa mad-dinja kollha. Għalhekk għall-aħħar tislima tiegħu attendew il-kbarat kollha tad-dinja.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Kieku Malta waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti fit-Tieni Gwerra Dinjija, forsi l-istorja tal-Ewropa kienet tkun differenti. Kienet tkun agħar. Titkexkex taħseb x'setgħu kienu l-konsegwenzi għalina l-Maltin kieku Malta ntrebħet dak iż-żmien. Iżda bis-saħħa tal-kuraġġ ta' missirijietna, li ħallsu prezz għoli, dan ma seħħx. Min tilef ħajtu, min tilef xi ħadd għażiż, min weġġa' gravi, min iġġarrfitlu daru, u min kellu jitlaq pajjiżu u jmur ifittex refuġju xi raħal ieħor. Kulħadd bata l-ġuħ, in-nuqqas ta' rqad, it-tħarbit tal-ħajja ta' kuljum. Fuq kollox, kulħadd kien maħkum mill-biża' li l-għada se jisbaħ bi traġedja ma' wiċċu.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**
**(a) l-inċidenti, jew**
**(b) il-gwerra, jew**
**(ċ) il-bini.**

**2. Fit-Tieni Gwerra Dinjija, Malta:**
**(a) ngħaqdet man-Nazisti u l-Faxxisti, jew**
**(b) qatt ma waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti, jew**
**(ċ) ġieli waqgħet f'idejn in-Nazisti u l-Faxxisti.**

**3. Il-prezz tal-gwerra għall-Maltin kien jinkludi:**
**(a) taxxi ogħla għall-isptarijiet, jew**
**(b) ix-xiri tal-armi, jew**
**(ċ) it-tbatija fiżika.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Titkexkex taħseb x'setgħu kienu l-konsegwenzi għalina l-Maltin kieku Malta ntrebħet dak iż-żmien." Il-kelma konsegwenza qed tirreferi:**
**(a) għal dak li jiġri wara, jew**
**(b) għal dak li jiġri qabel, jew**
**(ċ) għal dak li ma jiġri qatt.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Min tilef ħajtu, min tilef xi ħadd għażiż, min weġġa' gravi, min iġġarrfitlu daru, u min kellu jitlaq pajjiżu u jmur ifittex refuġju xi raħal ieħor." F'din is-sentenza, l-espressjoni min tilef ħajtu tfisser:**
**(a) min tilef ġidu, jew**
**(b) min miet, jew**
**(ċ) min qatt ma rebaħ xejn.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-edukazzjoni ***jew*** l-ivvjaġġar.

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-edukazzjoni.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-isbaħ sena li għaddejt fl-iskola sekondarja. Għaliex għażilt lilha?**
2. **Semmili l-aktar suġġett għal qalbek. Għaliex?**
3. **Fil-ħin liberu tiegħek x'tippreferi tagħmel, taqra xi ktieb jew toqgħod quddiem il-kompjuter? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mingħajr skola ma tagħmel xejn. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Ministru tal-Edukazzjoni, xi tkun l-ewwel ħaġa li tagħmel fl-iskejjel? Għaliex?**

JEW

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ivvjaġġar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Liema huwa l-aktar vjaġġ twil li għamilt s'issa? Għaliex mort hemmhekk?**
2. **Semmili l-aktar post li għoġbok. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tmur xi mkien Malta jew Għawdex, tippreferi taqbad tal-linja jew tmur bil-karozza? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li l-Maltin aktar jippreferu jonfqu l-flus għas-safar milli biex jixtru djar kbar fejn joqogħdu. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellu jkollok somma flus u tiddeċiedi li tmur vaganza barra minn Malta, fejn tagħżel li tmur? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-bilingwiżmu f'Malta ***jew*** Ġan Anton Vassallo.

**Il-bilingwiżmu f'Malta**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-bilingwiżmu f'Malta*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li min ikun bilingwi jkollu vantaġġ fuq min ikun jaf ilsien wieħed biss? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kont il-President ta' Malta u talbuk tagħmel diskors fuq l-ambjent u se jkun hemm Maltin u barranin. B'liema lsien tagħmlu d-diskors? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Anton Vassallo**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġan Anton Vassallo.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

- **a. F'liema żmien għex?** *(seklu 19 jew 1817-1868)*
- **b. Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-poeżiji)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġan Anton Vassallo għen biex il-letteratura Maltija tkompli tikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **4ċ** |
| DATA: | 7 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Nelson Mandela

F'Diċembru tas-sena l-oħra miet Nelson Mandela. Il-President attwali tal-Afrika ta' Isfel sejjaħlu missier il-poplu. Mandela jibqa' mfakkar għall-ġlieda paċifika tiegħu kontra l-inġustizzji li kienu jsofru n-nies ta' pajjiżu. Għal dan ħallas prezz għoli. Qatta' ftit iktar minn kwart ta' seklu maqful f'ċella. Fl-1990 ħelsuh u ftit snin wara l-poplu vvutalu bi ħġaru biex ikun l-ewwel president ta' nazzjon ġdid. Il-ħajja tiegħu saret magħrufa mad-dinja kollha. Għalhekk għall-aħħar tislima tiegħu attendew il-kbarat kollha tad-dinja.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-edukazzjoni** *JEW* **L-ivvjaġġar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu f'Malta** *JEW* **Ġan Anton Vassallo**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **5a** |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

It-Teatru Manoel

Fl-1861 il-popolazzjoni tal-Belt bejn Maltin u barranin kienet laħqet il-ħamsa u għoxrin elf ruħ. Bil-mexxejja politiċi u reliġjużi kkonċentrati fil-belt il-ġdida, ma setax jonqos li din saret il-pern tal-kummerċ. Il-belt il-ġdida żviluppat ukoll bħala ċentru artistiku meta pitturi u skulturi magħrufin ta' żmienhom marru jgħixu fiha. Il-fqar u l-ħaddiema ma kellhomx mezzi biex ifittxu attivitajiet kulturali. Min-naħa l-oħra, il-klassijiet l-għolja u s-sinjuri kienu jfittxu postijiet ta' mogħdija ta' żmien. Kien għalhekk li t-Teatru Manoel żdiditlu l-importanza, u kien imfittex ħafna.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**M'għandniex għalfejn noqogħdu nduru mal-lewża. Iċ-ċikkulata tinżillek għasel f'kull ħin tal-ġurnata. L-aktar fil-jiem keshin tax-xitwa meta dik il-kesħa fina tqabbdek l-aptit ta' xi ħaġa sħuna u ħelwa. Tkunx ċikkulata kannella, jew inkella bajda, taħt is-sura ta' xi xarba jew inkella biċċa sħiħa, iċ-ċikkulata toffrilek togħma tajba u ħafna enerġija, enerġija utli mhux biss għall-moħħ imma anki għall-ġisem. U dan bis-saħħa tal-vitamini tagħha li jagħmlu ċ-ċikkulata alimentazzjoni sustanzjuża u unika. Din mhix xi skoperta tal-lum! Ilhom minn żmien żemżem il-popli tal-qedem jafu bit-tjubija, f'kull sens, taċ-ċikkulata. Kollox sew li nikluha, sakemm dan nagħmluh bil-qies.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) l-aptit, jew**
**(b) iċ-ċikkulata, jew**
**(ċ) is-saħħa.**

**2. Fis-silta li għadek kemm smajt, iċ-ċikkulata tagħtik l-enerġija:**

**(a) jekk tkun kannella biss, jew**
**(b) jekk tkun bajda biss, jew**
**(ċ) sew jekk tkun kannella u sew jekk tkun bajda.**

**3. Skont is-silta, iċ-ċikkulata tajjeb nikluha:**

**(a) wara l-ikel, jew**
**(b) billejl, jew**
**(ċ) bil-qies.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Tkunx ċikkulata kannella, jew inkella bajda, taħt is-sura ta' xi xarba jew inkella biċċa sħiħa, iċ-ċikkulata toffrilek togħma tajba..." Il-kelma sura qed tirreferi:**

**(a) għal xi għamla, jew**
**(b) għal sustanza, jew**
**(ċ) għal flixkun.**

**5. Fis-silta smajt li "Iċ-ċikkulata tinżillek għasel f'kull ħin tal-ġurnata." L-espressjoni tinżillek għasel tfisser li:**

**(a) iċ-ċikkulata hija magħmula mill-għasel, jew**
**(b) iċ-ċikkulata tieħu gost tikolha, jew**
**(ċ) iċ-ċikkulata għandha lewn l-għasel.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent naturali ***jew*** ix-xiri.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, x'postijiet hemm li huma fl-istat naturali tagħhom? Agħtini deskrizzjoni ta' wieħed minnhom.**
2. **Semmili l-aktar post naturali għal qalbek f'Malta jew f'Għawdex. Għaliex jogħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin imdawwar bin-natura, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta hawn ħafna bini u qed nirriskjaw li neqirdu l-kampanja tagħna. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun is-Sindku tar-raħal tiegħek, x'tagħmel biex ittejjeb l-ambjent tar-raħal? Għaliex?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ix-xiri.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-iktar ħanut għal qalbek li għandek fir-raħal tiegħek. Għaliex għażilt dan il-ħanut?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb tixtri. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tixtri l-ħwejjeġ, tippreferi tmur tixtri mir-raħal tiegħek stess jew minn xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ħafna mill-affarijiet li nixtru fir-realtà m'għandniex x'nambuhom. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku tirbaħ kemxa flus, x'inhi l-ewwel ħaġa li tixtri? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta ***jew*** Pietru Pawl Saydon.

**Il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li hawn Malta hawn Maltin li ma jifhmux sewwa l-lingwa tal-avviżi tat-tabelli li nsibu f'postijiet pubbliċi? Għaliex taħseb hekk?**
2. **Immaġina li inti l-kap ta' skola ġdida li se tinfetaħ Malta. Trid tieħu deċiżjoni fuq il-lingwa – jew il-lingwi – tat-tabelli kollha li se tagħmel fl-iskola. X'se tagħmel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Pietru Pawl Saydon**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Pietru Pawl Saydon.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

- a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1895-1971)*
- b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(it-traduzzjoni tal-Bibbja)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Pietru Pawl Saydon għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **5a** |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## It-Teatru Manoel

Fl-1861 il-popolazzjoni tal-Belt bejn Maltin u barranin kienet laħqet il-ħamsa u għoxrin elf ruħ. Bil-mexxejja politiċi u reliġjużi kkonċentrati fil-belt il-ġdida, ma setax jonqos li din saret il-pern tal-kummerċ. Il-belt il-ġdida żviluppat ukoll bħala ċentru artistiku meta pitturi u skulturi magħrufin ta' żmienhom marru jgħixu fiha. Il-fqar u l-ħaddiema ma kellhomx mezzi biex ifittxu attivitajiet kulturali. Min-naħa l-oħra, il-klassijiet l-għolja u s-sinjuri kienu jfittxu postijiet ta' mogħdija ta' żmien. Kien għalhekk li t-Teatru Manoel żdiditlu l-importanza, u kien imfittex ħafna.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali** *JEW* **Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-lingwa tal-avviżi tat-tabelli fil-postijiet pubbliċi f'Malta** *JEW* **Pietru Pawl Saydon**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **5b** |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

L-attakk fuq l-Imqabba

Meta fl-1942 l-ajruplani Ġermaniżi taru fuq l-Imqabba, ħafna nies tar-raħal kienu diġà semgħu s-sirena u marru jiġru għall-kenn taħt l-art. Iżda xi morda u xjuħ kienu għadhom fi djarhom. It-tobba u l-infermiera kienu mħejjija biex iduru bil-midruba. Imma f'April ħadd ma kien qed jistenna dik il-ħruxija ta' attakki diretti. L-ajruplani kienu donnhom xjaten. It-toroq dojoq tal-Imqabba saru labirint tal-biża'. Mhux kulħadd irnexxielu jistkenn meta faqqgħu dawn l-attakki. L-ajruplani għamlu ħerba sħiħa. Għal ħafna Mqabbin, il-gwerra spiċċat hemm, fit-terrapien, miksija bit-trab safrani.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**It-telefown huwa apparat li f'post wieħed jaqleb il-ħoss f'sinjal elettriku li mbagħad jiġri għand min suppost jirċevih fejn jerġa' jinqaleb minn sinjal elettriku f'ħoss. Il-persuna li ħaqqha krettu għall-iżvilupp tat-telefown huwa l-Amerikan Alexander Bell. Il-vantaġġi kbar tat-telefown fuq mezzi ta' komunikazzjoni soċjali oħra huma tlieta: l-ewwel, li huwa mezz ta' komunikazzjoni immedjata, fejn il-messaġġ jista' jasal prattikament fl-istess ħin li qed jinħoloq; it-tieni, li huwa interattiv, għax jippermetti li jseħħ djalogu bejn tnejn minn nies; it-tielet, li ma jinvolvix spiża kbira għall-abbonat, kemm biex jiġi installat kif ukoll biex jintuża, u allura huwa mezz ta' komunikazzjoni mxerred u popolari ħafna.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) <u>it-telefown</u>, jew**
**(b) l-elettriku, jew**
**(ċ) il-mowbajl.**

**2. Skont is-silta, it-telefown huwa:**

**(a) mezz ta' negozju, jew**
**(b) <u>mezz ta' komunikazzjoni soċjali</u>, jew**
**(ċ) mezz ta' divertiment.**

**3. It-telefown huwa popolari:**

**(a) <u>għax hu servizz irħis</u>, jew**
**(b) għax hu servizz bla ħlas, jew**
**(ċ) għax hu servizz ta' pjaċir.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "ma jinvolvix spiża kbira għall-abbonat." Il-kelma <u>abbonat</u> qed tirreferi:**

**(a) għal min jirċievi telefonata, jew**
**(b) għal min juża t-telefown, jew**
**(ċ) <u>għal min għandu s-servizz tat-telefown</u>.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Il-persuna li ħaqqha krettu għall-iżvilupp tat-telefown huwa l-Amerikan Alexander Bell." L-espressjoni <u>ħaqqha krettu</u> tfisser:**

**(a) għandha d-dejn, jew**
**(b) <u>jistħoqqilha tifħir</u>, jew**
**(ċ) jistħoqqilha inkoraġġiment.**

### 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* iż-żgħożija ***jew*** ġrajjiet kurrenti.

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-akbar żewġt iħbieb tiegħek. Għaliex huma u mhux oħrajn?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb fiż-żmien li għaddej(ja) minnu. Għaliex?**
3. **Liema żmien tal-ħajja tippreferi, it-tfulija jew iż-żgħożija? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ż-żgħażagħ mimlijin ideat sbieħ li bihom itejbu s-soċjetà tal-futur. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Prim Ministru ta' Malta, il-liċenzja tas-sewqan tniżżilha għal sittax jew tgħolliha għal għoxrin? Għaliex?**

JEW

**Ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq liema huwa l-iktar mezz prattiku għalik biex tkun taf x'inhu jiġri fid-dinja. Għaliex għażilt lilu?**
2. **Semmili persuna li spikkat dan l-aħħar fl-aħbarijiet ta' barra. Għaliex?**
3. **Tippreferi tisma' l-aħbarijiet ta' Malta jew ta' barra? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li biex tkun parti mid-dinja, trid tkun taf x'inhu għaddej madwarek. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun ġurnalist(a), lil min tixtieq tintervista? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Malti tajjeb ***jew*** Dun Karm Psaila.

**Malti tajjeb**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Malti tajjeb.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li f'Malta huwa importanti li tkun taf tikteb u titkellem b'Malti tajjeb? Għaliex?**
2. **Immaġina li tkun magħfus bil-ħin u trid tibgħat messaġġ bil-mowbajl. Tagħti kas kif se tikteb? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-poeżiji u d-dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Dun Karm għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **5b** |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## L-attakk fuq l-Imqabba

Meta fl-1942 l-ajruplani Ġermaniżi taru fuq l-Imqabba, ħafna nies tar-raħal kienu diġà semgħu s-sirena u marru jiġru għall-kenn taħt l-art. Iżda xi morda u xjuħ kienu għadhom fi djarhom. It-tobba u l-infermiera kienu mħejjija biex iduru bil-midruba. Imma f'April ħadd ma kien qed jistenna dik il-ħruxija ta' attakki diretti. L-ajruplani kienu donnhom xjaten. It-toroq dojoq tal-Imqabba saru labirint tal-biża'. Mhux kulħadd irnexxielu jistkenn meta faqqgħu dawn l-attakki. L-ajruplani għamlu ħerba sħiħa. Għal ħafna Mqabbin, il-gwerra spiċċat hemm, fit-terrapien, miksija bit-trab safrani.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Iż-żgħożija** *JEW* **Ġrajjiet kurrenti**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Malti tajjeb** *JEW* **Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **5ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Joseph Calleja

Wieħed mill-ikbar teżori li għandha d-dinja tal-mużika operistika llum huwa t-tenur Malti Joseph Calleja. Meta jkanta jqabbdek il-bard, tant li għal xi kritiċi mustaċċuni huwa l-aqwa tenur liriku ta' żmienna. Minkejja l-età żagħżugħa tiegħu diġà għamel suċċess kbir. Rebaħ ħafna premjijiet prestiġjużi u kanta fl-aqwa teatri tad-dinja. Barra minn hekk, ħareġ diversi albums li ntlaqgħu bil-ferħa mill-ammiraturi tal-mużika operistika.

Huwa twieled fl-1978. Il-bidu tiegħu jafu lit-tenur Pawlu Asciak, l-ewwel għalliem tiegħu. Illum Joseph Calleja huwa l-ambaxxatur kulturali Malti.

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Madwar erbgħin sena ilu għamel l-ewwel titjira tiegħu ajruplan tal-passiġġieri ta' qawwa fenomenali, il-Concorde. Dan kien jieħu nofs il-ħin tal-ajruplani l-oħra biex jasal fid-destinazzjonijiet tiegħu. Ngħidu aħna, minn Londra għal New York kien jieħu tliet sigħat biss. Huwa kien l-ajruplan preferut man-negozjanti li riedu jaqsmu mill-Ewropa għall-Amerka fl-inqas ħin possibbli.**

**Il-Concorde kien il-frott tal-kollaborazzjoni bejn l-Ingliżi u l-Franċiżi. Matul sebgħa u għoxrin sena bnew għoxrin ajruplan ta' dan it-tip. Minħabba l-ispejjeż kbar, il-kumpanija għalqet il-bibien madwar għaxar snin ilu. Ftit qabel ma għalqet, iġġarraf ajruplan**

**minnhom u miet kull min kien fuqu. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex forsi l-kumpanija tirxoxta.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) ajruplan tal-passiġġieri, jew**
**(b) ajruplan tal-gwerra, jew**
**(ċ) ajruplan tas-salvataġġ.**

**2. Biex jasal fid-destinazzjoni tiegħu, il-Concorde:**

**(a) kien jieħu aktar ħin mill-ajruplani l-oħra, jew**
**(b) kien jieħu l-istess ħin tal-ajruplani l-oħra, jew**
**(ċ) kien jgħaġġel aktar mill-ajruplani l-oħra.**

**3. Il-Concorde kien proġett bejn:**

**(a) l-Ingliżi u l-Franċiżi, jew**
**(b) l-Ingliżi u l-Amerikani, jew**
**(ċ) l-Amerikani u l-Franċiżi.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Ftit qabel ma għalqet, iġġarraf ajruplan minnhom u miet kull min kien fuqu." Il-kelma ġġarraf, qed tirreferi:**

**(a) għal waqgħa ta' ajruplan, jew**
**(b) għal splużjoni fuq ajruplan, jew**
**(ċ) għal girfa kerha mal-ġenb ta' ajruplan.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Minħabba l-ispejjeż kbar, il-kumpanija għalqet il-bibien madwar għaxar snin ilu." F'dis-sentenza, l-espressjoni għalqet il-bibien tfisser:**

**(a) il-kumpanija xoljiet, jew**
**(b) il-kumpanija għalqet għall-vaganzi, jew**
**(ċ) il-kumpanija ma baqgħetx taħdem billejl.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* id-divertiment ***jew*** l-edukazzjoni.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *id-divertiment.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, liema huma l-postijiet li joffru divertiment? Kellimni fuq wieħed minnhom.** *F'każ li l-kandidat jgħid li m'hemmx, l-eżaminatur jistaqsi:* **X'inhi r-raġuni li m'hemmx?**
2. **Semmili l-aktar attività li tkun qed tistenna matul is-sena għax tieħu pjaċir biha. Għaliex togħġbok?**
3. **Fejn tippreferi tmur ma' ħbiebek, it-teatru jew iċ-ċinema? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta l-iktar post magħruf għad-divertiment għaż-żgħażagħ huwa Paceville. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun il-Ministru taż-Żgħażagħ, x'tagħmel biex tħajjar liż-żgħażagħ imorru iżjed iċ-ċinema/ it-teatru? Għaliex?** *L-eżaminatur isemmi l-post li l-kandidat qal li ma jippreferix imur.*

JEW

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-edukazzjoni.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-isbaħ sena li għaddejt fl-iskola sekondarja. Għaliex għażilt lilha?**
2. **Semmili l-aktar suġġett għal qalbek. Għaliex?**
3. **Fil-ħin liberu tiegħek x'tippreferi tagħmel, taqra xi ktieb jew toqgħod quddiem il-kompjuter? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mingħajr skola ma tagħmel xejn. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Ministru tal-Edukazzjoni, xi tkun l-ewwel ħaġa li tagħmel fl-iskejjel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-Malti bħala lsien li qed jinbidel ***jew*** Ninu Cremona.

**Il-Malti bħala lsien li qed jinbidel**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-Malti bħala lsien li qed jinbidel*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li l-ilsien Malti kif titkellmu int huwa differenti min kif jitkellmuh l-anzjani? Għaliex?**
2. **Immaġina li jiġi fuqek turist u jistaqsik jekk il-Maltin jużawx kliem bl-Ingliż huma u jitkellmu bil-Malti. X'tgħidlu? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ninu Cremona**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ninu Cremona.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1880-1972)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ninu Cremona għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

ĊES22/1ok5ċ.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **5ċ** |
| DATA: | 8 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Joseph Calleja**

Wieħed mill-ikbar teżori li għandha d-dinja tal-mużika operistika llum huwa t-tenur Malti Joseph Calleja. Meta jkanta jqabbdek il-bard, tant li għal xi kritiċi mustaċċuni huwa l-aqwa tenur liriku ta' żmienna. Minkejja l-età żagħżugħa tiegħu diġà għamel suċċess kbir. Rebaħ ħafna premjijiet prestiġjużi u kanta fl-aqwa teatri tad-dinja. Barra minn hekk, ħareġ diversi albums li ntlaqgħu bil-ferħa mill-ammiraturi tal-mużika operistika.

Huwa twieled fl-1978. Il-bidu tiegħu jafu lit-tenur Pawlu Asciak, l-ewwel għalliem tiegħu. Illum Joseph Calleja huwa l-ambaxxatur kulturali Malti.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment** *JEW* **L-edukazzjoni**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti bħala lsien li qed jinbidel** *JEW* **Ninu Cremona**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **6a** |
| DATA: | 9 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Għar Dalam

Għar Dalam jinsab Birżebbuġa mal-ġenb ta' Wied Dalam. Is-sejbiet arkeoloġiċi li saru fih wasslu biex jiġu identifikati l-annimali differenti li għexu Malta tul il-perjodi suċċessivi taż-żminijiet tas-silġ. Barra provi importanti dwar l-evoluzzjoni ta' annimali li jinqabdu fuq gżira żgħira, hemm ukoll il-proċess ta' naniżmu meta l-annimali ċkienu billi adattaw lilhom infushom għar-riżorsi limitati li sabu. Dan l-għar fih ukoll traċċi tal-ewwel abitanti ta' Malta li waslu minn Sqallija madwar ħamest elef sena qabel Kristu. Għar Dalam infetaħ għall-pubbliku fl-1933.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Bil-liġi, fil-ħwienet irid ikun hemm prezz immarkat fuq kull oġġett għall-bejgħ b'mod ċar. Dan ifisser li għandna dritt inkunu nafu kemm jiswa l-oġġett mingħajr ma noqogħdu nistaqsu lil tal-ħanut, sabiex meta nidħlu biex nixtru xi ħaġa u naraw li l-prezz mhuwiex għall-but tagħna, ma jkollniex għalfejn inħossuna skomdi.**

**Meta ħanut ikollu vetrina b'xi prodotti li għandu għall-bejgħ, tal-ħanut għandu jimmarka l-prezzijiet fuq dawn l-oġġetti wkoll. Obbligu ieħor li għandu tal-ħanut huwa li jikteb il-prezz finali fuq l-oġġett, jiġifieri jkun jinkludi t-taxxi u l-ispejjeż. B'hekk aħna l-konsumaturi nkunu nafu eżattament kemm ser inħallsu.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) <u>il-prezzijiet tal-oġġetti fil-ħwienet</u>, jew**
**(b) it-taxxi, jew**
**(ċ) il-qligħ tal-bejjiegħa.**

**2. Skont is-silta, aħna għandna dritt inkunu nafu kemm jiswa l-oġġett:**

**(a) biex naqtgħu l-kurżità, jew**
**(b) <u>biex ma nistaqsux lil tal-ħanut</u>, jew**
**(ċ) biex nagħtu lil tal-ħanut flus eżatt.**

**3. Il-prezzijiet fuq kull oġġett għandhom ikunu:**

**(a) <u>prezzijiet finali</u>, jew**
**(b) prezzijiet baxxi, jew**
**(ċ) prezzijiet għoljin.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Obbligu ieħor li għandu tal-ħanut huwa li jikteb il-prezz finali fuq l-oġġett, jiġifieri jkun jinkludi t-taxxi u l-ispejjeż." Il-kelma <u>obbligu</u> tirreferi:**

**(a) <u>għal dmir</u>, jew**
**(b) għal dritt, jew**
**(ċ) għal privileġġ.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "sabiex meta nidħlu biex nixtru xi ħaġa u naraw li l-prezz mhuwiex għall-but tagħna, ma jkollniex għalfejn inħossuna skomdi." L-espressjoni <u>mhuwiex għall-but tagħna</u> tfisser:**

**(a) li l-prezz ikun baxx ħafna, jew**
**(b) <u>li l-prezz ikun għoli għax-xerrej</u>, jew**
**(ċ) li l-prezz ikun imraħħas.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent naturali ***jew*** il-kura tas-saħħa.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent naturali*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, x'postijiet hemm li huma fl-istat naturali tagħhom? Agħtini deskrizzjoni ta' wieħed minnhom.**
2. **Semmili l-aktar post naturali għal qalbek f'Malta jew f'Għawdex. Għaliex jogħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin imdawwar bin-natura, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta hawn ħafna bini u qed nirriskjaw li neqirdu l-kampanja tagħna. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun is-Sindku tar-raħal tiegħek, x'tagħmel biex ittejjeb l-ambjent tar-raħal? Għaliex?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-kura tas-saħħa*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq xi ħadd li jħobb jieħu ħsieb saħħtu. Għaliex għażilt lilu (lilha)?**
2. **Semmili l-aktar platt għal qalbek. Għaliex?**
3. **Liema sport tippreferi tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li mhux kemm tiekol jgħodd, imma x'tiekol. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek issir tabib(a), x'parir tagħtihom lit-tfal tal-iskola kif jieħdu ħsieb saħħithom? Għaliex?**

| ZERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* il-qari bil-Malti ***jew*** Mikiel Anton Vassalli.

**Il-qari bil-Malti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *il-qari bil-Malti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li importanti taqra ħafna bil-Malti? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti kap ta' skola primarja u tixtieq tħeġġeġ lill-istudenti biex jaqraw bil-Malti. X'tagħmel? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Mikiel Anton Vassalli**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Mikiel Anton Vassalli.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 18 u 19 jew 1764-1829)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Mikiel Anton Vassalli għen biex l-ilsien Malti jkompli jikber?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

ĊES22/1ok6a.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **6a** |
| DATA: | 9 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Għar Dalam**

Għar Dalam jinsab Birżebbuġa mal-ġenb ta' Wied Dalam. Is-sejbiet arkeoloġiċi li saru fih wasslu biex jiġu identifikati l-annimali differenti li għexu Malta tul il-perjodi suċċessivi taż-żminijiet tas-silġ. Barra provi importanti dwar l-evoluzzjoni ta' annimali li jinqabdu fuq gżira żgħira, hemm ukoll il-proċess ta' naniżmu meta l-annimali ċkienu billi adattaw lilhom infushom għar-riżorsi limitati li sabu. Dan l-għar fih ukoll traċċi tal-ewwel abitanti ta' Malta li waslu minn Sqallija madwar ħamest elef sena qabel Kristu. Għar Dalam infetaħ għall-pubbliku fl-1933.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali** *JEW* **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-qari bil-Malti** *JEW* **Mikiel Anton Vassalli**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **6b** |
| DATA: | 9 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-formazzjoni ta' Malta

Fl-1992 intqal li Malta bdiet tifforma daqs tletin miljun sena ilu. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ambjent u s-sistema ekoloġika Maltija tbiddlu kemm-il darba. Għall-ewwel ħamsa u għoxrin miljun sena tal-eżistenza tagħha, Malta kienet tifforma parti minn qiegħ il-baħar. F'dal-baħar kienu jikbru tipi ta' algi li madwar ġisimhom jiffurmaw qoxra iebsa. Dawn l-algi kienu jiksu l-qiegħ u jikbru fuq xulxin, saff fuq l-ieħor, biex b'hekk jiffurmaw sollijiet kbar. L-ambjent wara tbiddel f'wieħed ta' qiegħ imrammel maħkum minn ħafna kurrenti tal-ilma.

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-aktar forma ta' komunikazzjoni bażika u komuni hija d-diskors bejn tnejn minn nies. Id-diskors, kemm bil-fomm (jew komunikazzjoni verbali) kif ukoll bil-mossi (jew komunikazzjoni mhux verbali) huwa essenzjali fil-ħajja tal-bniedem. Aħna ngħixu u nikbru skont kemm nagħmluha ma' ħaddieħor; u allura importanti li aħna nifhmu sewwa xi jkun għaddej matul dawn il-bosta okkażjonijiet ta' komunikazzjoni. Fost affarijiet oħra, hemm ħtieġa kbira li aħna nitgħallmu nisimgħu apparti li nitkellmu; li nifhmu sewwa dak li jixtieq jgħidilna ħaddieħor, mhux biss bil-kliem imma anki minn sinjali oħra bħal ċaqliq tal-idejn jew il-ħars; u li nittrażmettu sewwa dak li nixtiequ nwasslu aħna lil ħaddieħor.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm smajt hija fuq:**

**(a) <u>id-diskors</u>, jew**
**(b) ix-xamm, jew**
**(ċ) il-ħars.**

**2. Komunikazzjoni verbali ssir:**

**(a) bil-kitba, jew**
**(b) bil-mossi, jew**
**(ċ) <u>bil-fomm</u>.**

**3. Skont is-silta, aħna ngħixu u nikbru skont kemm:**

**(a) nieklu, jew**
**(b) nitgħallmu, jew**
**(ċ) <u>nagħmluha ma' ħaddieħor</u>.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "nittrażmettu sewwa dak li nixtiequ nwasslu aħna lil ħaddieħor". Il-kelma <u>nittrażmettu</u> tfisser:**

**(a) <u>inxandru</u>, jew**
**(b) infixklu, jew**
**(ċ) naħsbu.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Aħna ngħixu u nikbru skont kemm nagħmluha ma' ħaddieħor." L-espressjoni <u>tagħmilha ma' ħaddieħor</u> tfisser:**

**(a) <u>titħallat ma' nies oħra</u>, jew**
**(b) tiġġieled ma' nies oħra, jew**
**(ċ) tistudja ma' nies oħra.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* l-ambjent tad-dar ***jew*** iż-żgħożija.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ambjent tad-dar.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhi t-tip ta' dar li tgħix fiha? Agħtini deskrizzjoni tagħha.**
2. **Semmili l-aktar kamra għal qalbek li hemm fid-dar tiegħek. Għaliex togħġbok?**
3. **Inti tħobb tgħaddi l-ħin id-dar tiegħek, jew tippreferi tgħaddi l-ħin xi mkien ieħor? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta n-nies iżommu djarhom xummiema, imma ma jiddejqux iħammġu barra. Taqbel? Għaliex?**
5. **Fid-dinja hawn madwar mitt miljun ruħ li m'għandhomx saqaf fuq rashom. Kieku jkollok il-poter u l-flus, x'tagħmel għal dawn in-nies? Għaliex?**

JEW

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Kellimni fuq l-akbar żewġt iħbieb tiegħek. Għaliex huma u mhux oħrajn?**
2. **Semmili l-aktar affarijiet li tħobb fiż-żmien li għaddej(ja) minnu. Għaliex?**
3. **Liema żmien tal-ħajja tippreferi, it-tfulija jew iż-żgħożija? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li ż-żgħażagħ mimlijin ideat sbieħ li bihom itejbu s-soċjetà tal-futur. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellek tkun il-Prim Ministru ta' Malta, il-liċenzja tas-sewqan tniżżilha għal sittax jew tgħolliha għal għoxrin? Għaliex?**

| ZERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* is-saħħa tal-ilsien Malti ***jew*** Ġużè Aquilina.

**Is-saħħa tal-ilsien Malti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *is-saħħa tal-ilsien Malti.*** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li l-ilsien Malti għadu b'saħħtu maż-żgħażagħ Maltin? Għaliex?**
2. **Immaġina li inti tmexxi għaqda taż-żgħażagħ. Xi jkun il-messaġġ tiegħek liż-żgħażagħ fuq l-importanza tal-Malti? Għaliex tgħidilhom hekk?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina.***

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **6b** |
| DATA: | 9 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Il-formazzjoni ta' Malta

Fl-1992 intqal li Malta bdiet tifforma daqs tletin miljun sena ilu. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ambjent u s-sistema ekoloġika Maltija tbiddlu kemm-il darba. Għall-ewwel ħamsa u għoxrin miljun sena tal-eżistenza tagħha, Malta kienet tifforma parti minn qiegħ il-baħar. F'dal-baħar kienu jikbru tipi ta' algi li madwar ġisimhom jiffurmaw qoxra iebsa. Dawn l-algi kienu jiksu l-qiegħ u jikbru fuq xulxin, saff fuq l-ieħor, biex b'hekk jiffurmaw sollijiet kbar. L-ambjent wara tbiddel f'wieħed ta' qiegħ imrammel maħkum minn ħafna kurrenti tal-ilma.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** *JEW* **Iż-żgħożija**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Is-saħħa tal-ilsien Malti** *JEW* **Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

ĊES22/1oe6ċ.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral | **6ċ** |
| DATA: | 9 ta' April 2014 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bil-grassett għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb!*, jew, *Prosit ħafna!*, jew *Mhijiex tweġiba korretta!*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

Il-klieb il-baħar

Stħarriġ li sar fl-2012 dwar l-impatt tas-sajd kummerċjali fuq il-ħajja fil-baħar jissuġġerixxi li kull sena qed jinqatlu għexieren ta' miljuni ta' klieb il-baħar. Ir-riċerkaturi huma mħassba għall-aħħar dwar dan il-fatt. Skonthom, iktar qed jinqatlu klieb il-baħar milli jitwieldu. Ir-raġuni ewlenija għal dan il-qtil "miljunarju" hija x-xewka tad-dahar tal-ħuta, li bosta komunitajiet madwar id-dinja tinżlilhom għasel meta jagħmluha soppa. Għalkemm għandna raġun nibżgħu minn xi razez ta' klieb il-baħar, fis-sew dawn il-ħlejjaq huma essenzjali biex iżommu l-bilanċ naturali fil-ħajja tal-baħar.

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira għal <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Fl-iktar tifsira wiesgħa tagħha, l-edukazzjoni tfisser tagħlim. Dan isir billi l-għerf, il-kapaċitajiet u d-drawwiet ta' grupp ta' nies jitwasslu minn ġenerazzjoni għal oħra. Normalment l-edukazzjoni sseħħ taħt għajnejn ħaddieħor – l-għalliema – imma mhux bilfors. Kull esperjenza tal-ħajja tista' tgħin fil-formazzjoni ta' individwu. Għalhekk it-tagħlim jista' jsir mill-individwu nnifsu. L-edukazzjoni formali hija mqassma fi stadji differenti: il-kindergarten, il-primarja, is-sekondarja u l-Università.**

**Id-dritt li wieħed ikollu edukazzjoni huwa rikonoxxut mill-gvernijiet tal-pajjiżi kollha. Saħansitra n-Nazzjonijiet Magħquda tirrikonoxxi d-dritt li bniedem ikollu opportunità li jeduka ruħu. Għalhekk l-edukazzjoni hija obbligatorja sa ċerta età f'bosta pajjiżi. Sfortunatament, f'xi pajjiżi tat-Tielet Dinja, in-nisa għadhom imċaħħda minn dan id-dritt.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Is-silta li għadek kemm qrajt hija fuq:**

**(a) in-Nazzjonijiet Magħquda, jew**
**(b) l-edukazzjoni, jew**
**(ċ) it-Tielet Dinja.**

**2. Meta ngħidu li t-tagħlim jitwassal minn ġenerazzjoni għal oħra, nifhmu:**

**(a) il-kbar jgħallmu liż-żgħar, jew**
**(b) nitgħallmu biss mingħand l-esperti, jew**
**(ċ) nitgħallmu billi naqraw il-kotba.**

**3. Fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja, min huwa mċaħħad mid-dritt tal-edukazzjoni?**

**(a) It-tfal orfni, jew**
**(b) In-nisa, jew**
**(ċ) Min hu bi bżonnijiet speċjali.**

**4. Fis-silta smajt hekk: "Id-dritt li wieħed ikollu edukazzjoni huwa rikonoxxut mill-gvernijiet tal-pajjiżi kollha." Il-kelma rikonoxxut tfisser:**

**(a) aċċettat kontra qalbhom, jew**
**(b) aċċettat uffiċjalment, jew**
**(ċ) meqjus kapriċċ.**

**5. Fis-silta smajt hekk: "Normalment l-edukazzjoni sseħħ taħt għajnejn ħaddieħor". F'dis-sentenza, l-espressjoni taħt għajnejn ħaddieħor tfisser:**

**(a) issir bil-fomm, jew**
**(b) issir bl-għajnuna ta' xi ħadd, jew**
**(ċ) issir permezz tal-ħars.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* id-divertiment ***jew*** l-ivvjaġġar.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *id-divertiment.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Fir-raħal fejn tgħix inti, liema huma l-postijiet li joffru divertiment? Kellimni fuq wieħed minnhom.** *F'każ li l-kandidat jgħid li m'hemmx, l-eżaminatur jistaqsi:* **X'inhi r-raġuni li m'hemmx?**
2. **Semmili l-aktar attività li tkun qed tistenna matul is-sena għax tieħu pjaċir biha. Għaliex togħġbok?**
3. **Fejn tippreferi tmur ma' ħbiebek, it-teatru jew iċ-ċinema? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li f'Malta l-iktar post magħruf għad-divertiment għaż-żgħażagħ huwa Paceville. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku inti tkun il-Ministru taż-Żgħażagħ, x'tagħmel biex tħajjar liż-żgħażagħ imorru iżjed iċ-ċinema/ it-teatru? Għaliex?** *L-eżaminatur isemmi l-post li l-kandidat qal li ma jippreferix imur.*

JEW

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *l-ivvjaġġar.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Liema huwa l-aktar vjaġġ twil li għamilt s'issa? Għaliex mort hemmhekk?**
2. **Semmili l-aktar post li għoġbok. Għaliex?**
3. **Meta jkollok bżonn tmur xi mkien Malta jew Għawdex, tippreferi taqbad tal-linja jew tmur bil-karozza? Għaliex?**
4. **Hawn min jgħid li l-Maltin aktar jippreferu jonfqu l-flus għas-safar milli biex jixtru djar kbar fejn joqogħdu. Taqbel? Għaliex?**
5. **Kieku kellu jkollok somma flus u tiddeċiedi li tmur vaganza barra minn Malta, fejn tagħżel li tmur? Għaliex?**

| ***ZERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* it-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin ***jew*** Ġużè Aquilina.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *it-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin*.** *Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Inti taħseb li huwa importanti li barra l-Malti nitgħallmu wkoll lingwi barranin l-iskola? Għaliex?**
2. **Kieku tkun kap ta' skola sekondarja, x'tagħmel biex tħajjar l-istudenti biex barra l-Malti u l-Ingliż jitgħallmu lingwa oħra? Għaliex?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:*
**Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina*.**

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a & b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura jkomplu jikbru?**

| *ZERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-oral |
| DATA: | 9 ta' April 2014 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**6ċ**

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi proprjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

## Il-klieb il-baħar

Stħarriġ li sar fl-2012 dwar l-impatt tas-sajd kummerċjali fuq il-ħajja fil-baħar jissuġġerixxi li kull sena qed jinqatlu għexieren ta' miljuni ta' klieb il-baħar. Ir-riċerkaturi huma mħassba għall-aħħar dwar dan il-fatt. Skonthom, iktar qed jinqatlu klieb il-baħar milli jitwieldu. Ir-raġuni ewlenija għal dan il-qtil "miljunarju" hija x-xewka tad-dahar tal-ħuta, li bosta komunitajiet madwar id-dinja tinżlilhom għasel meta jagħmluha soppa. Għalkemm għandna raġun nibżgħu minn xi razez ta' klieb il-baħar, fis-sew dawn il-ħlejjaq huma essenzjali biex iżommu l-bilanċ naturali fil-ħajja tal-baħar.

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment** *JEW* **L-ivvjaġġar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali**

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin fl-iskejjel Maltin** *JEW* **Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 17 ta' Mejju 2014 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** **(25 marka)**

Ikteb **madwar 350 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti:

1. Ikteb rakkont li jibda: *Il-kuġini tiegħi huma ġenji tal-kompjuter. Is-Sibt li għadda marru għalihom il-pulizija u ħaduhom magħhom l-għassa ...*

2. Iddeskrivi x'tara mit-tieqa tal-karozza tal-linja int u sejjer l-iskola.

3. Ir-ritratti huma importanti f'ħajjitna. Iddiskuti.

4. Int ġejt mistieden biex tagħti taħdita fuq is-siġar lill-istudenti ta' skola sekondarja. Ikteb din it-taħdita u agħtiha isem.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## IT-TIENI TAQSIMA (22 marka)

**Fehim it-Test**
Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

*Id-dniefel intelliġentissimi?*

Fl-1955 l-istudjuż Amerikan John Lilly kien qed jistħarreġ id-dniefel. Waqt l-istudji tiegħu sab li l-moħħ tad-denfil huwa ikbar minn tal-bniedem. Dak iż-żmien kienu jaħsbu li ikbar ma jkun il-moħħ, ikbar tkun l-intelliġenza. Għaldaqstant Lilly qatagħha li d-dniefel għandhom intelliġenza li tħabbatha ma' tal-bniedem.

Mhux kulħadd qabel ma' Lilly. Riċerkaturi oħrajn sabu li ċ-ċawl, il-qarnit u l-insetti, ilkoll annimali żgħar, huma intelliġenti daqs id-dniefel jew aktar minnhom.

Lilly sab ukoll li waqt l-esperimenti li kien jagħmel fuq id-dniefel u li matulhom seta' jweġġagħhom, id-dniefel kienu jsejħu 'l xulxin biex jitfarrġu u dan jagħmluh billi jsaffru tisfira li tkun differenti minn ta' dniefel oħra. Din l-imġiba wasslitu biex josserva li d-dniefel jikkomunikaw b'lingwa komplessa daqskemm hi komplessa l-lingwa tal-bniedem.

Lilly jidher li kellu raġun għax ix-xjenzati li ġew warajh indunaw li d-dniefel kienu kapaċi jifhmu xi sinjali li jagħmlulhom in-nies. Dan jiġri wkoll fil-każ tax-xadini, annimali intelliġenti oħrajn. Barra minn hekk, l-istudjużi sabu li d-dniefel jistgħu jifhmu meta xi ħadd jippontalhom b'idejh. Min-naħa tagħhom, id-dniefel kapaċi jippuntaw b'rashom – ladarba huma bla dirgħajn – biex jiġbdu l-attenzjoni tal-bnedmin. Dawn huma għeġubijiet tan-natura u jħalluna bla kliem.

Din l-intelliġenza tad-dniefel inkomplu napprezzawha fit-tisfir tagħhom. Xi speċi ta' dniefel żviluppaw il-ħila li fost it-tisfiriet iżommu waħda li tikxef min huma. Bħalma n-nies jużaw isimhom biex jingħażlu minn xulxin meta jkunu qalb il-folla, hekk ukoll id-denfil juri min hu meta jkun fil-għliba. Għax, bilħaqq, insejna ngħidu li d-dniefel ma jgħumux għal rashom imma jfittxu l-kenn ta' xulxin, imġiba li turi l-ħajja soċjali rfinuta tagħhom.

Il-biċċa tat-tisfira li tagħti identità lil kull denfil tibqa' tissorprendina meta nsiru nafu li d-dniefel kapaċi jiftakruha mqar għoxrin sena wara.

Mill-banda l-oħra, xi studjużi jemmnu li d-dniefel infaħniehom wisq. Skont Paul Manger, l-intelliġenza tagħhom hija anqas minn tal-ħut tal-ilma ħelu tal-akkwarju tad-dar. Skontu, il-ħut tal-akkwarju ġieli jipprova jaħrab billi jaqbeż. Imma d-dniefel lanqas tgħaddilhom minn moħħhom li jaħarbu meta s-sajjieda jdawruhom bix-xbieki.

Insomma, mitt bniedem, mitt fehma. Hemm min jaqta' rasu li d-dniefel huma annimali intelliġentissimi, u hemm min bil-kalma jistqarr li d-dniefel għandhom intelliġenza medja.

Aħna nħallu lix-xjenzati josservaw dawn l-annimali sbieħ filwaqt li nittamaw li, ngħidu aħna minn fuq il-vapur t'Għawdex, naraw għliba minnhom tofroq il-mewġ. Tkunilna okkażjoni biex niftakru li kulma hawn madwarna għandu xi jgħidilna u aħna obbligati nirrispettawh.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.**

**1.** Agħżel it-tajba minn dawn:
   **a.** Lilly sab li d-dniefel mhumiex intelliġenti.
   **b.** Lilly sab li d-dniefel huma iktar intelliġenti mill-bniedem.
   **ċ.** Lilly sab li l-bniedem huwa iktar intelliġenti mid-dniefel.
   **d.** Lilly sab li l-bniedem u d-denfil għandhom kważi l-istess livell ta' intelliġenza.

**2.** Veru li, fil-fehma ta' Lilly, id-dniefel għandhom lingwa tagħhom? Għaliex?

**3.** Semmi waħda mill-ħiliet tad-dniefel li għaġġbet lill-kittieb? Kif taf?

**4.** Għaliex id-dniefel ma jħobbux jgħixu weħidhom?

**5.** Fil-fehma tiegħek, l-istudju ta' Lilly għandu valur għar-riċerkaturi tal-lum? Għaliex?

**6.** Taħseb li l-kittieb għandu opinjoni fuq jekk id-dniefel humiex intelliġentissimi jew le? Għaliex?

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

**B. Għarfien il-lingwa**

**1.** Fisser l-espressjonijiet b'linja taħthom skont il-kuntest.

"Insomma, mitt bniedem, mitt fehma. Hemm min jaqta' rasu li d-dniefel huma annimali intelliġentissimi, u hemm min bil-kalma jistqarr li d-dniefel għandhom intelliġenza medja." *(mit-8 paragrafu)*

(2 marki kull waħda = 4 marki)

**2.** Agħti kelma oħra għall-kliem li għandu linja taħtu skont it-tifsira tiegħu fis-silta.

   **a.** Riċerkaturi oħrajn sabu li ċ-ċawl, il-qarnit u l-insetti, ilkoll annimali żgħar, huma intelliġenti daqs id-dniefel jew aktar minnhom. *(mit-2 paragrafu)*

   **b.** Xi speċi ta' dniefel żviluppaw il-ħila li fost it-tisfiriet iżommu waħda li tikxef min huma. *(mill-5 paragrafu)*

   **ċ.** Bħalma n-nies jużaw isimhom biex jingħażlu minn xulxin meta jkunu qalb il-folla, hekk ukoll id-denfil juri min hu meta jkun fil-ġliba. *(mill-5 paragrafu)*

   **d.** Aħna nħallu lix-xjenzati josservaw dawn l-annimali sbieħ... *(mill-aħħar paragrafu)*

(marka kull waħda = 4 marki)

**3.** Liema hi l-espressjoni fis-7 paragrafu li turik li tul iż-żmien id-dniefel għamilniehom wisq iktar intelliġenti milli huma? (2 marki)

**IT-TIELET TAQSIMA** **(14-il marka)**

**Il-Grammatika**

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

Il-mowbajl (magħruf ukoll bħala t-telefown ċellulari jew it-telefown tal-but) huwa apparat li bih tista' ċċempel u tirċievi t-telefonati tkun fejn tkun. M'għandekx bżonn wajers. Kulma għandek bżonn, batterija tal-mowbajl iċċarġjata u li fejn tkun qiegħed ikun hemm konnessjoni tajba. L-ewwel mowbajl li deher fil-pubbliku kien jiżen kilo. Fi tmiem is-sena l-oħra xtrawli mowbajl kbir daqs saba' u ħafif rixa.

1. Agħti l-plural ta' but.
2. Agħti s-singular ta' wajers.
3. Mis-silta sib u ikteb plural sħiħ.
4. Ikteb l-għadd imtenni ta' saba'.
5. Mis-silta sib u ikteb verb kwadrilitteru.
6. Agħti l-komparattiv ta' kbir.
7. Oħroġ iz-zokk minn iċċarġjata.
8. Nissel nom ieħor fis-singular minn pubbliku.
9. Agħti l-għerq ta' jiżen.
10. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv.
11. Mis-silta sib u ikteb parteċipju attiv.
12. Aqleb il-frażi "m'għandekx bżonn" fit-tielet persuna singular femminil.
13. Mis-silta sib u ikteb stat kostrutt.
14. Nissel in-nom tal-aġent (jiġifieri n-nom tal-ħaddiem) minn xtrawli.

(marka kull waħda = 14-il marka)

**IR-RABA' TAQSIMA** **(12-il marka)**

**Ir-Rapport**

Ikteb **madwar 80 kelma** fuq **wieħed** mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport.
Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji. Jekk ser tuża xi ismijiet, ara li jkunu fittizji.

**a.** Immaġinak ġurnalist/a. Kont preżenti waqt attività sportiva u nqala' l-inkwiet fost l-ispettaturi. Ikteb rapport dwar l-inċidenti li nqalgħu.

**Jew**

**b.** Immaġinak membru tal-Għaqda tal-Astronomija. Ħriġt fil-gallarija billejl u rajt dawl ħiereġ minn xi ħaġa mhux identifikata. Ikteb rapport lill-għaqda.

**IL-ĦAMES TAQSIMA** **(12-il marka)**

**L-Ittra**

Ikteb **madwar 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.

**a.** Kuġinuk qed jaħdem l-Italja. Għal għeluq sninu xtrajtlu ktieb u se tibgħathulu bil-posta. Ikteb l-ittra li se tibgħatlu mal-ktieb.

Ismek: Mark / Marika Ellul
L-indirizz tiegħek: 96, Triq il-Ward, Ħal Tarxien, TXN 1268.

**Jew**

**b.** Ikteb ittra elettronika lill-għalliema tiegħek, is-Sinjura Magri, biex troddilha ħajr tat-tagħlim li tatek din is-sena. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

Ismek: Mark / Marika Ellul
L-indirizz elettroniku tiegħek: ellul@edukati.mt
L-indirizz elettroniku tal-għalliema: magri@skola.mt

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

..............................................................................................................................
..............................................................................................................................
..............................................................................................................................

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II A |
| DATA: | 17 ta' Mejju 2014 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq il-poeżija sħiħa.

Niftakar
tal-qniepen il-mota newwieħa,
u riħa
tal-ward tal-kuruni;
u erba' gandlieri
u żewġ fillieri
ta' tfal iltiema
jgħidu l-Missierna u s-Sliema
u r-rekwijem eterni,
u stola sewdiena,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
żgħożitek
sbuħitek
hekk ħesrem mitmuma f'tebut;
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut;
il-ħoss tal-kazzola mal-art,
u l-qabar jitgħatta bil-ward;

Wieġeb:

1. X'inhija l-atmosfera ewlenija f'din is-silta? Agħti **tliet** raġunijiet li wassluk biex tagħraf din l-atmosfera. (6 marki)

2. Iddeskrivi l-metru u r-rima ta' din is-silta. X'effett jinħoloq permezz tagħhom? (4 marki)

3. Minn din is-silta, nistgħu ngħidu li l-poeta qed jerġa' jara x-xena tiġri quddiemu. Uri dan billi tagħmel referenza għal **tliet** sensi differenti fis-silta. Agħti eżempju għal kull sens. (6 marki)

4. X'impressjoni tieħu fuq it-ton tal-poeta f'din is-silta? Agħti **żewġ** raġunijiet. (4 marki)

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq il-poeżija sħiħa.

Hemm erba' qaddejja
Bilwieqfa fil-bieb
Biex jilqgħu l-ħaddara
Il-qraba u l-ħbieb;
Il-ħakem imżejjen
Bi lbiesu s-sabiħ
Kien hieni bilqiegħda
Imdawwar b'kull ġieħ.

Katrina l-għarusa
Bħal warda Maltija
Maġenbu misjuba
Ferħana u mistħija.
U ħdejha mdannitha
U r-raħeb Bennard
Il-barka xtaqulhom
Mis-sema sal-art.

Wieġeb:

1. X'inhija l-atmosfera ewlenija f'din is-silta? Agħti **tliet** raġunijiet li wassluk biex tagħraf din l-atmosfera. (6 marki)

2. Iddeskrivi l-metru u r-rima ta' din is-silta. X'effett jinħoloq permezz tagħhom? (4 marki)

3. Minn din is-silta, nistgħu ngħidu li l-poeta donnu qed jara x-xena tiġri quddiem għajnejh. Uri dan billi tagħmel referenza għal **żewġ** sensi fis-silta. Agħti eżempju għal kull sens. (6 marki)

4. X'impressjoni tieħu fuq it-ton tal-poeta f'din is-silta? Agħti raġuni **waħda**. (4 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta min-novella *Ċensina* ta' Lino Spiteri u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa.

Hawnhekk hawn daqsxejn ħobż, gedwed il-moħħ għatxan tad-deputat, jittama li f'dad-distrett issa mqalleb ta' taħt fuq isib xi ftit voti biex ipattulu għal li tilef minn bnadi oħra. Voti biex jgħinuh jerġa' jikseb siġġu ħalli jkompli jqarreb lejn is-snin meħtieġa għal pensjoni sħiħa, jitla' min jitla', u mbagħad jiġri li jrid.

Iżda hawn ukoll, il-bieb baqa' magħluq. Ġibed nifs inqas tqil, imma iktar imdejjaq. Lanqas ħaqq it-taraġ, f'dal-jum jikwi meta nista' qiegħed nitbandal fuq il-mewġ lubien 'il barra mir-ramla, jew ngħarrex in-nofshom imneżżgħin fid-daħla mrekkna fil-blat ftit 'l hemm minnha, ħaseb imnaffar.

Hu u nieżel, reġa' waqaf b'nofs ħajra għal darb'oħra, għax snin twal iħabbat il-bibien kienu darrewh jibqa' jfittex kull laqxa biex jara kif jagħmel u jirfed l-imramma. Ħabbat tnejn ħafif bil-ponn fuq il-bieb imgerrem ta' hemm.

Wieġeb:

1. Din is-silta tiftaħ bl-idjoma "Hawnhekk hawn daqsxejn ħobż." Fuq liema figura tat-taħdit tinbena din l-idjoma u x'effett jinħoloq b'din il-figura tat-taħdit? (4 marki)

2. Minn din is-silta, xi jġiegħlek taħseb l-awtur fuq il-karattru tad-deputat? Wara, sib u ikteb **żewġ** frażijiet (jew sentenzi) mis-silta li juru dan. (6 marki)

3. F'din is-silta l-awtur jagħfas l-aktar fuq id-deskrizzjoni fiżika tad-deputat jew fuq il-ħsieb tiegħu? Agħti **żewġ** eżempji mis-silta li juru dan. (6 marki)

4. L-awtur xi jrid jgħid biha meta jitfa' dan il-ħsieb f'moħħ id-deputat: "*f'dal-jum jikwi meta nista' qiegħed nitbandal fuq il-mewġ lubien 'il barra mir-ramla*" (linja 6)? (4 marki)

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta min-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa.

"Ammen", kienet tgħid il-Koranta, u għajnejha sikwit kienu jiġru lejn dak u lejn l-ieħor. Hemm kienet id-dinja tal-imħabbiet tagħha, għaliex l-irġiel tajbin trid issibhom fil-knisja. Qatt ma twebblet tmur Triq Irjali, u l-folol baqgħet tibża' minnhom. Kienet tistħi, wiċċha jiħmar malajr u jikxifha. San Ġużepp seta' jagħmel dak kollu li jagħmlu ż-żgħażagħ kuluriti biex jirbħu għajn xi ħadd.

Ma kellhiex għalfejn tistħi, iżda jekk id-dinja tridek hekk ma tistax tagħżel mod ieħor. Kienu dejjem ċari u qliel quddiem għajnejha d-dehriet tat-tfal imqarba tat-triq meta jfettlilhom jimxu serbut twil warajha, min iħabbat bl-addoċċ żewġ laned vojta ma' xulxin sakemm jitgħattnu, min ixejjer xi zokk ta' siġra maqlugħ mill-ġnejna, u min iwerżaq kliem li ma jiftihemx, qisu xi mherwel. Wara li tgħaddi l-purċissjoni, kienu jibqgħu f'nofs it-triq laned mirfusin f'kull sura u zkuk u friegħi mqaċċtin aktar minn qabel.

Wieġeb:

1. Lejn l-aħħar ta' din is-silta, l-awtur juża l-idjoma "qisu xi mherwel" (linja 8). Fuq liema figura tat-taħdit tinbena din l-idjoma u x'effett jinħoloq b'din il-figura tat-taħdit? (4 marki)

2. Minn din is-silta, xi jġiegħlek taħseb l-awtur fuq il-karattru tal-Koranta? Wara, sib u ikteb **żewġ** frażijiet (jew sentenzi) mis-silta li juru dan. (6 marki)

3. F'din is-silta l-awtur jagħfas l-aktar fuq id-deskrizzjoni fiżika tal-Koranta jew fuq il-ħsieb tagħha? Agħti **żewġ** eżempji mis-silta li juru dan. (6 marki)

4. L-awtur xi jrid jgħid biha meta jitfa' dan il-ħsieb f'moħħ il-Koranta: "*San Ġużepp seta' jagħmel dak kollu li jagħmlu ż-żgħażagħ kuluriti biex jirbħu għajn xi ħadd.*" (linji 3-4)? (4 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)**
**(15-il marka l-wieħed = 30 marka)**

Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma** l-wieħed. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.

**1.** In-novella *Jacqueline* hija xogħol letterarju sabiħ għax int u taqraha tibdel il-ġudizzju fuq il-karattri. Iddiskuti kif iseħħ dan l-iżvilupp.

**2.** Iddiskuti r-referenzi għan-natura li jagħmlu l-poeti Rena Balzan u Dun Karm. X'effetti jħallu fuqek ix-xbihat li jidhru fil-poeżiji tagħhom?

**3.** Maria Grech Ganado u Immanuel Mifsud inqdew bl-ironija biex jiktbu *Jum San Valentin* u *Aqta' Fjura u Ibni Kamra*. X'effett ħalliet din l-ironija fik?

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 400 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.

**1.** F'*Il-Ħarsa ta' Rużann* il-mara għandha sehem importanti fid-deċiżjonijiet tal-ħajja ta' kuljum. Iddiskuti kif Francis Ebejer juri dan matul ir-rumanzett.

**Jew**

**2.** Ikteb fuq żewġ karattri li jiġbdu s-simpatija tiegħek fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*. Qabbilhom flimkien biex turi l-aspetti komuni u differenti ta' bejniethom.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 17 ta' Mejju 2014 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq il-poeżija sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Niftakar
tal-qniepen il-mota newwieħa,
u riħa
tal-ward tal-kuruni;
u erba' gandlieri
u żewġ fillieri
ta' tfal iltiema
jgħidu l-Missierna u s-Sliema
u r-rekwijem eterni,
u stola sewdiena,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
żgħożitek
sbuħitek
hekk ħesrem mitmuma f'tebut;
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut;
il-ħoss tal-kazzola mal-art,
u l-qabar jitgħatta bil-ward;

Wieġeb:

1. X'inhija l-atmosfera ewlenija f'din is-silta? (4 marki)

2. Agħti **żewġ** raġunijiet li wassluk biex tagħraf din l-atmosfera. (6 marki)

3. Semmi **żewġ** sensi li jirreferi għalihom il-poeta biex juri lil kulħadd li x-xena qed jerġa' jaraha tiġri quddiemu. (4 marki)

4. F'din is-silta, il-poeta joħloq l-effett ta' melodija billi juża:
   **a.** versi regolari u l-ironija.
   **b.** versi ħielsa u rima kultant.
   **ċ.** versi regolari u rima kontinwa.
   **d.** versi ħielsa u personifikazzjoni. (3 marki)

5. F'din is-silta, it-ton tal-poeta jidher li hu:
   **a.** kalm, minħabba li l-ġirien isibhom miegħu fin-niket u fil-ferħ.
   **b.** entużjast, minħabba li l-poeta jemmen f'ħajja oħra wara l-mewt.
   **ċ.** nostalġiku, minħabba li fis-silta nifhmu li l-poeta jixtieq jerġa' jesperjenza dak li ħass dakinhar.
   **d.** imnikket, minħabba li qed jiftakar fil-funeral ta' xi ħadd għażiż. (3 marki)

**JEW**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq il-poeżija sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Hemm erba' qaddejja
Bilwieqfa fil-bieb
Biex jilqgħu l-ħaddara
Il-qraba u l-ħbieb;
Il-ħakem imżejjen
Bi lbiesu s-sabiħ
Kien hieni bilqiegħda
Imdawwar b'kull ġieħ.

Katrina l-għarusa
Bħal warda Maltija
Maġenbu misjuba
Ferħana u mistħija.
U ħdejha mdannitha
U r-raħeb Bennard
Il-barka xtaqulhom
Mis-sema sal-art.

Wieġeb:

**1.** X'inhija l-atmosfera ewlenija f'din is-silta? (4 marki)

**2.** Agħti **żewġ** raġunijiet li wassluk biex tagħraf din l-atmosfera. (6 marki)

**3.** Liema **żewġ** sensi jirreferi għalihom il-poeta biex juri lil kulħadd li x-xena qisha qed tiġri quddiemu? (4 marki)

**4.** F'din is-silta, il-poeta joħloq l-effett ta' melodija billi juża:
- **a.** versi ħielsa u l-alliterazzjoni.
- **b.** versi regolari u r-rima.
- **ċ.** versi regolari u l-onomatopea.
- **d.** versi ħielsa u r-rima. (3 marki)

**5.** F'din is-silta, it-ton tal-poeta jidher li hu:
- **a.** għaġġiebi, minħabba l-ġmiel ta' lbies li ra.
- **b.** ċajtier, minħabba li l-burdata li qed joħloq f'din is-silta hija tad-daħq.
- **ċ.** serju, minħabba li fis-silta nifhmu li huwa l-poeta nnifsu li se jiżżewweġ.
- **d.** ferrieħi, minħabba li fis-silta jagħtina ħjiel dwar iż-żwieġ sabiħ li se jseħħ bejn Katrina u l-ħakem. (3 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta min-novella *Ċensina* ta' Lino Spiteri u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Hawnhekk hawn daqsxejn ħobż, gedwed il-moħħ għatxan tad-deputat, jittama li f'dad-distrett issa mqalleb ta' taħt fuq isib xi ftit voti biex ipattulu għal li tilef minn bnadi oħra. Voti biex jgħinuh jerġa' jikseb siġġu ħalli jkompli jqarreb lejn is-snin meħtieġa għal pensjoni sħiħa, jitla' min jitla', u mbagħad jiġri li jrid.

Iżda hawn ukoll, il-bieb baqa' magħluq. Ġibed nifs inqas tqil, imma iktar imdejjaq. Lanqas ħaqq it-taraġ, f'dal-jum jikwi meta nista' qiegħed nitbandal fuq il-mewġ lubien 'il barra mir-ramla, jew ngħarrex in-nofshom imneżżgħin fid-daħla mrekkna fil-blat ftit 'l hemm minnha, ħaseb imnaffar.

Hu u nieżel, reġa' waqaf b'nofs ħajra għal darb'oħra, għax snin twal iħabbat il-bibien kienu darrewh jibqa' jfittex kull laqxa biex jara kif jagħmel u jirfed l-imramma. Ħabbat tnejn ħafif bil-ponn fuq il-bieb imgerrem ta' hemm.

Wieġeb:

**1.** Din is-silta tiftaħ bl-idjoma *"Hawnhekk hawn daqsxejn ħobż..."*. Din hija idjoma mibnija fuq similitudni jew fuq metafora? (3 marki)

**2.** X'effett jinħoloq bil-figura tat-taħdit imsemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1)? (5 marki)

**3.** F'din is-silta, id-deputat jidher li hu indifferenti jew għajjien? Agħti raġuni **waħda**. (6 marki)

**4.** F'din is-silta, l-awtur jagħfas l-aktar fuq:
- **a.** x'inhu għaddej minn moħħ id-deputat huwa u jdur in-nies.
- **b.** id-deskrizzjoni fiżika tad-deputat.
- **ċ.** il-ġuħ u l-għatx li qabdu d-deputat, hekk kif qed idur in-nies.
- **d.** il-ġentilezza tad-deputat. (3 marki)

**5.** F'din is-silta, id-deputat:
- **a.** jirrispetta n-nisa.
- **b.** jagħti r-raġun dejjem lin-nisa.
- **ċ.** ma jirrispettax id-dinjità tal-mara.
- **d.** ifittex li jkellem lin-nisa tal-partit tiegħu biss. (3 marki)

**JEW**

**B.** Aqra sewwa din is-silta min-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

"Ammen", kienet tgħid il-Koranta, u għajnejha sikwit kienu jiġru lejn dak u lejn l-ieħor. Hemm kienet id-dinja tal-imħabbiet tagħha, għaliex l-irġiel tajbin trid issibhom fil-knisja. Qatt ma twebblet tmur Triq Irjali, u l-folol baqgħet tibża' minnhom. Kienet tistħi, wiċċha jiħmar malajr u jikxifha. San Ġużepp seta' jagħmel dak kollu li jagħmlu ż-żgħażagħ kuluriti biex jirbħu għajn xi ħadd.

Ma kellhiex għalfejn tistħi, iżda jekk id-dinja tridek hekk ma tistax tagħżel mod ieħor. Kienu dejjem ċari u qliel quddiem għajnejha d-dehriet tat-tfal imqarba tat-triq meta jfettlilhom jimxu serbut twil warajha, min iħabbat bl-addoċċ żewġ laned vojta ma' xulxin sakemm jitgħattnu, min ixejjer xi zokk ta' siġra maqlugħ mill-ġnejna, u min iwerżaq kliem li ma jiftihemx, qisu xi mherwel. Wara li tgħaddi l-purċissjoni, kienu jibqgħu f'nofs it-triq laned mirfusin f'kull sura u zkuk u friegħi mqaċċtin aktar minn qabel.

Wieġeb:

1. Lejn l-aħħar ta' din is-silta, l-awtur juża l-idjoma *"qisu xi mherwel"* (linja 8). Din hi idjoma mibnija fuq similitudni jew fuq metafora? (3 marki)

2. Fis-silta, x'effett jinħoloq bil-figura tat-taħdit imsemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1)? (5 marki)

3. F'din is-silta, il-Koranta tidher mara kunfidenti jew imgerrxa? Agħti raġuni **waħda**. (6 marki)

4. F'din is-silta, l-awtur jagħfas l-aktar fuq:
   **a.** x'inhu għaddej minn moħħ il-Koranta hija u tirrifletti fuq ħajjitha.
   **b.** id-deskrizzjoni ta' għajnejn il-Koranta, b'mod speċjali ħarsitha.
   **ċ.** id-deskrizzjoni tal-ambjent fiżiku tat-triq, bl-imbarazz li jħallu fl-art it-tfal.
   **d.** il-qaddis li l-Koranta tafda miegħu x-xewqat tagħha. (3 marki)

5. F'din is-silta, l-aħħar sentenza tibda *"Wara li tgħaddi l-purċissjoni..."*. L-awtur qed jirreferi:
   **a.** għall-fratelli għaddejjin mit-triq.
   **b.** għal mixja reliġjuża.
   **ċ.** għall-festa ta' San Ġużepp.
   **d.** għaċ-ċorma tfal jagħtu fastidju lill-Koranta. (3 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.

1. Ikteb fuq il-karattru ta' Jacqueline u Mario u kif l-imġiba tagħhom tinbidel matul in-novella *Jacqueline*.

**JEW**

2. Iddiskuti r-referenzi għall-qamar fil-poeżija ta' Rena Balzan, u għall-baħar fil-poeżija ta' Dun Karm. X'effetti jħallu fuqek dawn ix-xbihat naturali fil-poeżiji tagħhom?

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.

1. F'*Il-Ħarsa ta' Rużann* il-mara tidher b'saħħitha fid-deċiżjonijiet tal-ħajja ta' kuljum. Iddiskuti kif Francis Ebejer juri dan matul ir-rumanzett.

**JEW**

2. Ikteb fuq żewġ karattri li impressjonawk fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*. Qabbilhom flimkien biex turi l-aspetti komuni u differenti ta' bejniethom.